# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Numru 1**

**Rikors numru 73/14 LSO**

**Dr Joseph Zammit Tabona u Raffaella Zammit Tabona**

**v.**

**1. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**
**2. Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali**
**3. L-Avukat Generali tar-Repubblika u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2015 gie kjamat in kawza Charles sive Charlie Saliba**

## Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed mill-kjamat fil-kawza Charles sive Charlie Saliba u l-iehor mill-intimat l-Avukat Generali minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fl-14 ta' Lulju 2016 li permezz taghha dik il-Qorti [i] iddikjarat li r-rikorrenti sofrew lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom protett bl-Artikolu 6 flimkien ma' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-

Konvenzjoni] u wkoll vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni bil-fatt li l-istess rikorrenti gew michuda mill-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2008 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009, u dan b'effett tad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta Awwissu 2013 konfermat bid-digriet tal-istess Qorti tas-7 ta' Novembru 2013 [id-digrieti]; [ii] irrevokat id-digrieti msemmija *"inkwantu ordnaw is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-subbasta imsemmija taht l-Artikolu 326 tal-Kap. 12 minhabba l-pendenza ta' proceduri quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Qorti Ewropea] istitwiti mid-debitur Charles sive Charlie Saliba kontra l-iStat Malti"* u, [iii] ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi mibghuta lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u tigi inserita fl-atti tas-Subbasta fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et v. Charles sive Charlies Saliba** b'referenza ghad-digrieti tas-6 ta' Awwissu 2013 [Rik. 354/2013/JPG] u tas-7 ta' Novembru 2013 [Rik. 829/2013/JPG], sabiex taghmel parti minn dawk l-atti u *"sabiex jitkomplew il-proceduri ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2008, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009 anke pendenti l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, u anke qabel is-sentenza finali quddiem il-Qorti Ewropea"*; u [iv] ordnat ukoll li *"l-kjamat fil-kawza ma jkunx jista' jistrieh fuq il-pendenza tal-proceduri minnu istitwiti quddiem il-Qorti Ewropea sabiex jitlob is-sospenzjoni ulterjuri tal-*

*proceduri ezekuttivi tar-rikorrenti tas-sentenza taghhom in gudikat surriferit".* Bl-ispejjez jigu akkollati lill-intimat Avukat Generali.

**Mertu**

2. Il-fatti relevanti ghal dawn l-appelli jiccentraw fuq is-sospenzjoni mitluba mill-appellant Saliba tal-proceduri ghall-bejgh bis-subbasta [numru 2/2010] istitwiti mir-rikorrenti in ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et v. Charles sive Charlie Saliba** [Citazzjoni Numru 1196/2000] moghtija fl-4 ta' Marzu 2008 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009 [is-sentenzi lokali], liema talba ghal sospenzjoni kienet giet akkolta minhabba, *inter alia*, il-pendenza tal-proceduri li nieda l-appellant Saliba quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [il-Qorti Ewropea][1]. Permezz tal-proceduri quddiem dik il-Qorti l-appellant Saliba jrid jimpunja s-sentenzi l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [il-Qorti Ewropea], lokali li jikkostitwixxu titolu ezekuttiv u li abbazi taghhom ir-rikorrenti ssoktaw bil-proceduri ta' subbasta. Huwa jsostni l-pretenzjoni tieghu quddiem dik il-Qorti fuq il-bazi li, skont hu, bis-sentenzi lokali gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

3. Bir-rikors taghhom fil-kaz odjern, ir-rikorrenti appellati talbu dikjarazzjoni li d-drittijiet taghhom li jinghataw smigh xieraq qed jigu lezi b'effett tad-digrieti li in forza taghhom gew sospizi l-proceduri ta' bejgh

[1] Charles Saliba v. Malta [Appl. 24221/13]

bis-subbasta, ghaliex is-sospenzjoni tal-proceduri ta' ezekuzzjoni minhabba l-pendenza ta' proceduri li huma estranei ghalihom u li ma ghandhom ebda kontroll fuqhom, issarraf f'cahda tad-dritt taghhom li jenforzaw sentenza li tikkonstitwixxi *res judicata*.

4. L-intimat Avukat Generali in succint wiegeb ghal din il-kawza billi sostna li ma hemm ebda vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghaliex, filwaqt li d-dritt ghal smigh xieraq jopera biex jiggarantixxi aderenza ma' principji proceduralli li ma jinkludux ir-revizjoni tas-sostanza tad-decizjoni tal-qrati ordinarji, f'dan il-kaz il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat interpretazzjoni korretta tal-ligi in materja tas-sospenzjoni tal-bejgh bis-subbasta, u l-fatt li t-talbiet tar-rikorrenti ma gewx milqugha ma jammontax ghal ksur tad-drittijiet fondamentali. Kwantu ghad-dritt protett taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-intimat wiegeb illi l-Qorti ddecidiet it-talba ghas-sospenzjoni tal-proceduri tas-subbasta b'mod ragjonevoli u skont id-dettami tal-gustizzja.

5. Il-kjamat fil-kawza Charles Saliba wiegeb ghall-ilmenti tar-rikorrenti billi eccepixxa in succinct illi biex issir l-ezekuzzjoni skont il-ligi jridu jinkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi li tipprospetta cirkostanzi li fihom is-subbasta tista' tigi sospiza, oltre ghall-fatt illi, filwaqt li l-ligi Maltija tipprovdi mekkanizmu adegwat ghall-ezekuzzjoni

tas-sentenzi, f'dan il-kaz is-sospenzjoni saret ghal ragunijiet ragjonevoli u gusti skont il-ligi. Sostna wkoll illi s-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghandhom ezegwibilita` fis-sistema legali taghna bis-sahha tal-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] u ghalhekk kellha ragun il-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenzi lokali minkejja li dawn huma *res iudikata*, stante li sentenza eventwali tal-Qorti Ewropea fil-kaz tieghu tista' tinfluwixxi direttament fuq il-validita` ta' dawn is-sentenzi li in bazi taghhom qed tintalab il-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` tieghu.

6. Fil-mori tal-proceduri quddiem din il-Qorti, il-kaz ta' **Charles Saliba v. Malta** gie deciz b'decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Novembru 2016 [is-sentenza tal-Qorti Ewropea], fejn ghar-ragunijiet hemm rapportati, instab li d-dritt tal-appellant odjern Saliba ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni gie lez fil-proceduri li kkulminaw fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Din is-sentenza tal-Qorti Ewropea giet ammessa bhala prova permezz tad-digriet moghti minn din il-Qorti fis-6 ta' Novembru 2017 u tinsab in atti[2].

**Is-Sentenza Appellata**

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma relevanti ghall-appelli odjerni:

[2] Esebita b'nota prezentata fit-8 Novembru 2017

## “II. KONSIDERAZZJONIJIET

“Illi r-rikorrenti jilmentaw li sofrew lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom billi qed jigu mcahhda mid-dritt pretiz taghhom ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat fi zmien ragjonevoli, b'effett ta' zewg digrieti moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li ssospendew proceduri ezekuttivi ghall-bejgh b'subbasta kontra d-debitur ezekutat. B'konsegwenza ta' tali sospenzjoni qed jilmentaw li qed jsofru lezjoni tad-drittijiet taghhom ghas-smigh xieraq u rimedju effettiv kif garantiti bl-**Artikolu 6 flimkien mal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**"; u bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** aktar 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni"** kif ukoll bi ksur **tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** u **l-artikolu 37 tal-Kostiuzzjoni ta' Malta,** u dan ghar-ragunijiet esposti fir-rikors promotur. Ghaldaqstant qed jitolbu wkoll li din il-Qorti taghtihom rimedju effettiv.

“Illi l-intimati u l-kjamat in kawza opponew ghat-talba u sostnew li ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet kif pretizi mir-rikorrenti.

“Ghal dak li jirrigwarda d-Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati Civili u Tribunali, din il-Qorti laqghat l-eccezzjoni preliminari minnhom sollevata u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju.[3]

“Illi in sintezi, l-lanjanza odjerna tikkoncerna zewg digrieti moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla datati rispettivament nhar is-6 t'Awwissu 2013 u nhar is-7 ta' Novembru 2013, (iktar ‘il quddiem imsejha "**id-digrieti"**). Permezz ta' dawn id-digrieti il-proceduri in subbasta li gew istitwiti mir-rikorrenti biex jesegwixxu kreditu kanonizzat favur taghhom b'sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2008, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009, (iktar il quddiem imsejha **is-Sentenza,**) u li ghaddiet in gudikat, gew sospizi fuq talba tad-debitur.

“L-Avukat Generali ssottometta li bl-imsemmija decizjonijiet l-Qorti koncernata iddecidiet b'mod ragjonevoli skont id-dettami tal-gustizzja. Eccepixxa li dawn il-proceduri mhumiex intizi biex jigu riveduti d-decizjonijiet tal-Qrati l-ohra sabiex jigi deciz jekk gew decizi sewwa jew le.[4] Fic-cirkostanzi odjerni, mhux minnu li l-Qorti koncernata tat interpretazzjoni skorretta tal-Artikolu 326(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fid-decizjonijiet imsemmija u l-fatt li t-talbiet tar-rikorrenti ma gewx milqugha ma jikkostitwixxix ksur awtomatiku tad-drittijiet fondamentali taghhom. L-istess ragjonevolezza murija mill-Qorti koncernata jeskludi l-applikazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dwar rimedju, l-Avukat Generali eccepixxa li dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti.

[3] Sentenza tat-12 ta' Marzu 2015

[4] Q.K J.E.M. Investments Limited v Avukat Generali et 30.9.2011

“Il-kjamat in kawza **Charles sive Charlie Saliba** wkoll eccepixxa li ma hemmx ksur tad-drittijiet fondamentali kif pretizi mir-rikorrenti. Issottometta li l-Qorti koncernata agixxiet korrettement fl-applikazzjoni tal-Artikolu 326(1) tal-Kap 12 meta issospendiet is-subbasta in kwistjoni. Eccepixxa li ma jista’ ikun responsabbli ghall-ebda ksur ta' dritt fondamentali bili kull ma ghamel kien li pproceda kif ittih il-Ligi. Eccepixxa wkoll *inter alia* li l-fatt li proceduri ta' subbasta jigu sospizi minhabba li jezisti impediment legittimu ghall-prosegwiment ta' dik is-subbasta ma jista' qatt jammonta ghal tfixkil illegittimu ghall-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ttentaw subbasta fuq proprjeta' li ma kienetx tappartjeni lilu esklussivament bhala d-debitur, imma anke lill terzi - senjatament lil martu u dan kien wiehed mir-ragunijiet ghaliex is-subbasta giet sospiza u mhux biss il-fatt illi hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti ta' Strasburgu (Applikazzjoni Numru 24221/13 fl-ismijiet *Saliba vs Malta).*

“Ghal dak li jirrigwarda t-tehid forzus ta' beni eccepixxa li d-digrieti in kwistjoni ma cahdux lir-rikorrenti mid-drittijiet taghhom imma semplicement issospendew l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Ma gewx imposti limitazzjonijiet illegittimi fuq l-ezekuzzjoni ta' dik l-istess sentenza galadarba kien hemm irregolaritajiet u nuqqasijiet gravi fil-procedura segwita mir-rikorrenti biex imexxu bis-subbasta. Inoltre ghal dak li jirrigwarda r-rimedji mitluba, eccepixxa li r-rikorrenti ma elenkax ir-rimedji mitluba minnu kif trid il-Ligi (Artikolu 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09) b'mod partikolari t-thassir tad-decizjonijiet tas-6 ta' Awwissu 2013 u tas-7 ta' Novembru 2013 u ghalhekk ma jistax jinghata dan ir- rimedju;

**“Fatti fil-Qosor**

“Il-fatti kif jemergu mill-atti mhumiex ikkontestati.

“Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009 moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ("is-Sentenza") fil-kawza fl-ismijiet "**Dr Joseph Zammit Tabona et vs Charles *sive* Charlie Saliba"** (A.C. 1196/2000 ("il-Kawza") l-appell intavolat mill-konvenut Charles *sive* Charlie Saliba ("il-Konvenut") gie michud u s-sentenza appellata u cioe' dik moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2008 giet konfermata. B'effett ta' din is-sentenza, ir-rikorrenti gew dikjarati kredituri tal-konvenut Charles Saliba fis-somma ta' €130,441.42 bl-imghax skont kif mitlub. (Dokument 'A' u 'B'). Din is-somma tirrapprezenta danni kagunati lir-rikorrent Dr Joseph Zammit Tabona u martu (li mietet fil-mori) wara serqa li saritilhom fid-dar residenza taghhom.

“Illi din is-sentenza hekk kif ikkonfermata, ghaddiet in gudikat u ma kienx hemm talba biex tigi ritrattata.

"Illi fis-7 ta' Jannar 2010 ir-rikorrenti talbu l-bejgh in subbasta ta' sehem l-intimat mill-proprjeta' hemm elenkata in ezekuzzjoni tas-sentenza. Dan gie milqugh b'Digriet tat-22 ta' Gunju 2010[5].

"Illi l-kjamat fil-kawza, l-intimat f'dawk il-proceduri, talab is-sospenzjoni tas-subbasta *stante* li stitwixxa proceduri kostituzzjonali oltre ostakoli legittimi. Din it-talba giet michuda b'Digriet tas-6 ta' April 2010 billi "*rat li l-prezentata ta' kawzi, ukoll kostituzzjonali, ma tnaqqas xejn mill-validita' ta' sentenza.*"[6] Madanakollu fit-6 ta' April 2010 ir-rikorrent stess iddikjara li qed jissospendi l-atti.

"Illi fil-11 ta' Frar 2013, b'rikors iehor, ir-rikorrenti talbu l-bejgh in subbasta tas-sehem tal-intimat minn diversi fondi in ezekuzzjoni tas-sentenza premessa.[7] Din it-talba giet milqugha fit-13 ta' Frar 2013 u gie ordnat il-bejgh in subbasta kif mitlub.[8]

"Illi fit-8 ta' April 2013 gie pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili rikors mill-konvenut Charles *sive* Charlie Saliba fl-atti tas-subbasta fuq indikata ("ir-rikors ghat-twaqqif tas-subbasta") permezz ta' liema gie rilevat *inter alia* illi huwa kien intavola talba quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn qieghed jitlob illi minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2009 gew vjolati fil-konfront tieghu d-drittijiet tieghu kif protetti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem, illi jekk jinstab illi huwa ikun sofra vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu filwaqt illi safrattant il-proprjeta` tieghu tkun lahqet giet mibjugha, tkun saret ingustizzja akbar mieghu u ghaldaqstant talab il-Qorti twaqqaf il-proceduri tas-subbasta fil-konfront tieghu (kopja tar-rikors ta' Charles *sive* Charlie Saliba anness u mmarkat Dokument 'E');

"Illi b'digriet taghha tas-6 ta' Awwissu 2013 il-Prim Awla tal-Qorti Civili, issospendiet is-subbasta *ai termini* tal-artikolu **305 (2) tal-Kap 12.**[9] Izda mhux biss, imma ddisponiet li "*tilqa' t-talba tal-intimat Charles Saliba u tordna t-twaqqif tas-subbasta odjerna sakemm jigu terminati finalment il-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*" (emfasi ta' din il-Qorti).

"8. Illi fit-28 ta' Awwissu 2013, r-rikorrenti talbu r-revoka *contrario imperio* tad-digriet imsemmi. B'digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2013, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-atti tar-rikors nru 829/2013 JPG cahdet it-talba ghal diversi ragunijiet :-

"i. billi r-rikorrenti ezekutanti ma ottemporawx ruhhom mar-rekwiziti **tal-artikolu 305(2) tal-Kap 12;**

---

[5] Atti tal-Bejgh b'Subbasta Immobb. nru .2/10 allegati ma' dawn l-atti.
[6] Fol 19 tal-atti 2/10.
[7] Atti tal-Bejgh b'Subbasta Immob. nru. 7/13 allegati ma' dawn l-atti.
[8] Digriet a fol 29 tal-atti 7/13.
[9] **Art. 305 (2)** "*Fir-rikors għandu jkun hemm indikat deskrizzjoni dettaljata tal-ħwejjeġ li tagħhom jintalab il-bejgħ fl-irkant, inkluża l-provenjenza u kull piż fuq l-istess art u pjanta li turi b'mod ċar fejn hija l-art:*"

"ii. il-proprjeta` subbastata tappartjeni wkoll lill-mart id-debitur;

"iii. sabet **impediment** legittimu *ai termini* tal-**artikolu 326(1) tal-Kap.12** "*ghaliex Charles Saliba intavola proceduri quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq l-ilment tieghu li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 t'Ottubru 2009 ivvjolat id-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.* ***Din hija l-istess sentenza illi l-attur nomine qieghed jissokta jezegwixxi bis-subbasta odjerna***." (emfasi ta' dik il-Qorti).

**"L-ewwel Eccezzjoni tal-Kjamat in Kawza**

"Il-kjamat in kawza eccepixxa li ma kiser l-ebda dritt fundamentali tal-atturi billi l-lanjanza hija indirizzata lejn l-ghemil ta' gudikant u huwa l-Istat li jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali.

"Illi dwar dan ghandu ragun billi l-ilment odjern huwa indirizzat lejn l-Istat u huwa ssejjah f'dawn il-proceduri ghall-fini tal-integrita' tal-gudizzju.

"Huwa l-Istat li ghandu iwiegeb ghall-lanjanza in mertu izda l-intimat, li huwa parti minn dawn il-proceduri, huwa assoggettat ghall-effetti ta' din is-sentenza.

"Ghalhekk l-eccezzjoni tieghu ser tigi riflessa biss fil-kap tal-ispejjez.

**"Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

"Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed jallegaw li sofrew lezjoni minnhabba li qed jigu mcahhda milli jezegwixxu l-kreditu taghhom skont kif kanonizzati bis-sentenza premessa li ghaddiet in gudikat u taghmel stat bejn il-partijiet. L-ezekuzzjoni tas-sentenza giet sospiza b'effett taz-zewg digrieti fuq citati.

"Il-Qorti ezaminat l-imsemmija digrieti u taghmel is-segwenti osservazzjonijiet preliminari:

"1. Taqbel li mhix Qorti tal-Appell jew revizjoni dwar il-mertu tad-digrieti moghtija u li l-kawza odjerna tirrigwarda l-aspetti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tad-drittijiet invokati. (Ara f'dan is-sens **J.E.M. Investments Limited v Avukat Generali**[10]).

[10] Q.K. 30.9.2011 *"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjeta` rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."*

"2. Ghalkemm jirrizulta li d-digrieti tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili indirizzaw it-talba ghas-sospenzjoni fuq zewg binarji - fl-ewwel lok fuq il-binarju prettament procedurali u t-tieni fuq l-effett sospensiv *o meno* ta' proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea, din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-kjamat in kawza li ghandha tieqaf hawn u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati.

"Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlitha cara fit-tieni digriet taghha li kkonsidrat li proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jikkostitwixxu impediment legittimu fit-termini tal-**Artikolu 326(1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili.**

"Dan is-sub-Artikolu jiddisponi hekk:

> ***""326.*** *(l) L-irkant jew il-liberazzjoni għandhom dejjem jitwaqqfu fuq talba tad-debitur bil-kunsens tal-kreditur, jew fuq talba tal-kreditur bil-kunsens tad-debitur, u, f'dan il-każ, kif ukoll meta t-twaqqif isir minħabba impediment leġittimu ieħor, għandhom jinħarġu avviżi ġodda sabiex l-irkant jissokta f'jum ieħor li jiġi stabbilit mir-Reġistratur fi żmien ġimgħatejn."*

"Ikkonsidrat li din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-mertu tad-decizjoni tal-Qorti in kwantu applikat id-disposizzjonijiet procedurali tal-Kap.12. Dawn id-disposizzjonijiet (l-Artikolu 326 u l-artikolu 305 tal-Kap 12) mhumiex il-mertu ta' dawn il-proceduri u l-effikacja taghhom mhuwiex qed jigi hawn impunjat. Il-legislatur Malti ried li jhalli triq ghas-sospenzjoni tas-subbasta ghal ragunijiet legittimi u halla f'idejn il-gudikant biex jiddetermina x'inhuma l-elementi meghtiega *ad validitatem (**art. 305)*** u dawk li huma ta' gravita' bizzejjed li ghandhom iwasslu ghas-sospenzjoni ta' atti ezekuttivi (**impediment legittimu**). Huwa risaput infatti li debitur jista' jipprocedi biex jimpunja l-validita' ta' mandat ezekuttiv u jirrendi null il-procedura kollha tas-subbasta u dan minhabba mankanza fl-att ezekuttiv innifsu u mhux minhabba xi kontestazzjoni fuq il-mertu (ara **Edward Pace vs Micahel Sultana**, PA, 05/05/2005) fit-termini tal-**Artikolu 281 tal-Kap.12**. It-tieni rimedju cioe` dak kontemplat **fl-artikolu 326** hu mmirat biss biex jissospendi ghal zmien il-prosegwiment tas-subbasta pendenti proceduri li jistghu isehhu ghal ragunijiet li jistghu jolqtu l-mertu konness mal-att ezekuttiv. Huwa minnu wkoll li dan l-artikolu hu miftuh fid-dicitura tieghu b'dan pero` jithalla fid-deskrizzjoni tal-Qorti li tirraviza raguni tajba bizzejjed li timmerita u tinnecessita s-sospenzjoni tas-subbasta.[11]

"Madanakollu huwa car li l-Qorti ssospendiet is-subbasta anke minnhabba li kkonsidrat bhala *impediment legittimu* fit-termini tal-artikolu 326(1) tal-Kap 12 il-fatt li hemm proceduri pendenti (quddiem il-Qorti Ewropea) li jirrigwardaw l-att ezekuttiv innifsu.

---

[11] Ara ad ez. **Ludwig Limited v Philip George Degiorio et.** PAMCH - 12 ta' Lulju 2012 ccitat mill-kjamat in kawza.

"Illi d-difensur tal-Avukat Generali issottomettiet fit-trattazzjoni li hemm qbil illi procedura kostituzzjonali ma ghandha bl-ebda mod twaqqaf l-andament ta' proceduri ohra. Madanakollu fil-kaz odjern il-Qorti kienet giet rinfaccata sitwazzjoni fejn kien hemm diversi diffikultajiet fosthom illi ma kienx hemm indikat x' inhu s-sehem ta' l-intimat Saliba. Ghalhekk, gie sottomess li l-Qorti iddecidiet b' mod ragonevoli skont ic-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz.

"Ir-rikorrenti rribattew li r-ragunijiet l-ohra moghtija fid-digriet kienu ragunijiet sekondarji ghaliex anke li kieku huma jottemperaw mar-rekwisiti tal-**artikolu 305** tal-Kap 12 l-impediment ravvizat minnhabba l-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea jibqa' vigenti.

"Illi din il-Qorti ma taqbilx li m'ghandhiex tinvestiga l-lanjanza odjerna fejn tolqot il-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea bhala r-raguni dedotta ghas-sospenzjoni tal-proceduri ezekuttivi. Id-diskrezzjoni moghtija lill-Qrati ordinarji bl-Artikolu 326 tal-Kap 12 ma jistax jxekkel id-drittijiet garantiti mill-Kostituzzjoni u mill-konvenzjoni lill-partijiet fil-kawza. Ghalhekk hi tal-fehma li ghandha tiddetermina l-kompatibilita' tal-imsemmi digrieti mad-drittijiet pretizi mir-rikorrenti llum.

**"Allegat Lezjoni tal-Art 6 u 13 tal-Konvenzjoni u tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni**

"Illi l**-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jghid hekk:-

> *""Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."*

**"L-Artikolu 6 L-Artikolu 6(1) jiddisponi hekk:-**

> *""6 (1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ....."*

"Illi kif inghad fis-sentenza **"Kenneth Brincat vs Avukat Generali"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Jannar 2003) dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' *"smigh xieraq"* u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal Tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

"Illi inoltre kif gie ritenut fis-sentenza **"Domenico Savio Spiteri vs A.G. et"** (Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li (b'riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***"St. Paul's Court Limited vs L-Onor. P.M. et noe"*** *deciza fis-16 ta' Settembru 1998):-*

*““Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O’Boyle u Warbrick**:-*

> *““In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality”.*

“Normalment l-Artikolu Kostituzzjonali u dak Konvenzjonali citati jimxu fuq l-istess principji u normi ta' interpretazzjoni. Madanakollu l-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-lanjanza odjerna fid-dawl tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni billi l-estensjoni tat-tifsira tad-dritt ghall-esekuzzjoni ta' sentenzi hija interpretazzjoni wiesgha li fil-fehma tal-Qorti, mhix permissibbli fit-termini testwali tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ghalkemm tqies li hija konformi mal-ispirtu ta' dan l-artikolu.

**“Art 6(1) tal-Konvenzjoni**

“It-tezi tar-rikorrenti hija wahda semplici u konfortata bil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea kif ukoll mill-interpretazzjoni dottrinali. Huma jissottomettu li d-dritt garantit bl-Artikolu 6(1) jestendi ghall-garanzija tal-esegwibbilita' ta' sentenza li hija finali u determinanti fi zmien ragjonevoli. Dan hu aspett iehor tal-*principle of effectiveness* li jippernja l-Konvenzjoni Ewropea.

“Illi l**-awturi Jacobs, White & Ovey**[12] huma tal-fehma li "*Linked to the principle of access to court is another fundamental aspect of the rule of law, that a final court judgment should be effective."*

“L-istess fehma huma l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**[13] li jsostnu "*Article 6 also applies to the execution of judgments in civil and criminal cases - in particular the reasonable time guarantee will apply to any delays for which the state is responsible in their execution."* Imbaghad ikomplu "*Under the **Hornsby** case, the State must also ensure the execution of judgments against third parties who are not state actors, so that, for example, the state must take action to ensure that private persons comply with judgments against them."*

“Hekk fil-kaz **Hornsby v Greece**[14] deciz mill- ECtHR gie ribadit li :-

> *““However, that right (of access to a court) would be illusory if a Contracting State’s domestic legal system allowed a final, binding judicial decision to remain inoperative to the detriment of one party. It would be inconceivable that Article 6 para. 1 (art. 6-1) should describe in detail procedural guarantees afforded to litigants - proceedings that are fair, public and expeditious - without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 (art. 6) as being concerned exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they*

[12] *The European Convention on Human Rights* (6th ed.)pg 262.
[13] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd ed.) p 396.
[14] 19 ta' Marzu 1997 - (*Application no. 18357/91*

> *ratified the Convention (see, mutatis mutandis, the Golder v. the United Kingdom judgment of 21 February 1975, Series A no. 18, pp. 16-18, paras. 34-36). Execution of a judgment given by any court must therefore be regarded as an integral part of the "trial" for the purposes of Article 6 (art. 6); moreover, the Court has already accepted this principle in cases concerning the length of proceedings (see, most recently, the Di Pede v. Italy and Zappia v. Italy judgments of 26 September 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-IV, pp. 1383-1384, paras. 20-24, and pp. 1410-1411, paras. 16-20 respectively)."*

"Dan il-principju gie riaffermat fil-kaz ta' **Burdov v Russia**[15] fejn il-Qorti sabet ukoll li dewmien fl-ezekuzzjoni ta' sentenza jista' jkun gustifikat purke' ma jistax ghall-essenza tad-dritt sancit (testwalment: "*does not impair the essence of the right protected").*

> *""1. It is not open to a State authority to cite lack of funds as an excuse for not honouring a judgment debt. Admittedly, a delay in the execution of a judgment may be justified in particular circumstances. But the delay may not be such as to impair the essence of the right protected under Article 6 § 1 (see* ***Immobiliare Saffi v. Italy*** *[GC], no. 22774/93, § 74, ECHR 1999-V*)"

"Tal-istess portata hija d-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz
**Qufaj Co. Sh. P.K. v Albania** [16]**:**

> *""It would be inconceivable that Article 6 § 1 should describe in detail procedural guarantees afforded to litigants – proceedings that are fair, public and expeditious – without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 as being concerned exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they ratified the Convention. Execution of a judgment given by any court must therefore be regarded as an integral part of the "trial" for the purposes of Article 6."*

**"*Res Judicata* u l-principju ta' Certezza Legali**

"Fi kliem l-awturi fuq citati Harris, O'Boyle & Warwick[17] "*The right to a fair hearing also requires that the judgment by the final court that decides a case is res judicata and hence irreversible in accordance with the principle of legal certainty....A procedure for quashing a final judgment may however be consistent with the principle of legal certainty where it is 'made necessary by circumstances of a substantial and compelling character' which would include the need to correct a miscarriage of justice "*

[15] 7 ta' Mejju 2002 - *Application no. 59498/00*
[16] 18 ta' Novembru 2004, (*Application no. 54268/00*)
[17] Op cit. p 431

"Fid-decizjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza **Brumarescu v. Romania** (1999 –VII ; 33 EHRR 862 para 61) kien inghad hekk hekk –

> *""The right to a fair hearing before a tribunal ... must be interpreted in the light of the Preamble ... which declares ... the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty which requires inter alia that where the courts have finally determined an issue their ruling should not be called into question ..."*

"Bhala principju assodat fil-gurisprudenza taghna l-Qrati taghna sostnew li s-sistema giuridika taghna kienet tikkontempla biss l-eccezzjoni tal-*lis alibi* pendens[18] u l-konnessjoni ta' azzjonijiet, u li s-soprasessjoni bhala istitut kienet giet introdotta biss permezz tal-**artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni** (u 4(3) tal-Kap 319) fil-kuntest ta' riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Hekk gie espress fil-kaz fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine *et.* - Q.K. -** 12 ta' Awwissu 1994 fejn il-Qorti issenjalat li s-soprasessjoni tista' tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u l-amministrazzjoni tal-gustizzja

"Dan l-insenjament gie affermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet l**-On.Imh. Dottor Anton Depasquale v Onor. Prim Ministru**, **Q.K.** - deciza fl-20 ta' Lulju, 1994) fejn il-Qorti sabet li "*L-istat prezenti ghalhekk tal-ligi taghna hija li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fuq ikkwotat ghax l-accettazzjoni ta' dan il-principju jista' biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia' mghobbija b'diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom f'din is-sentenza*."

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Matthew Lanzon v Kummissarju tal-Pulizija**[19] irriteniet li :-

> *""L-argument huwa ghal kollox fieragh. Ir-'res judicata' ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku u hija intiza biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li gew definiti bis-sentenza, anke jekk dawk il-jeddijiet huma fondamentali tal-bniedem. Res judicata ttemm il-possibilita` li kwistjonijiet jibqghu miftuha, meta jkunu ghaddew minn procediment gudizzjarju li sar definittiv. Bdil fil-gurisprudenza ma jikkwalifikax bhala bdil ta' cirkostanzi ladarba t-tliet elementi baqghu l-istess."*

"Illi l-Qorti Kostituzzjonali f'dan il-kaz, kienet giet mitluba tapplika retroattivament principji li zviluppaw fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghall-kaz li gja gie deciz definittivament. Madanakollu l-principji enuncjati japplikaw ghall-kaz odjern.

[18] Din l-eccezzjoni tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;
[19] Dec. fil-25 ta' Frar 2013

"Illi l-kaz odjern jikkoncerna sospenzjoni tal-effett ezekuttiv ta' sentenza li ghaddiet in gudikat. Lanqas jezistu c-cirkostanzi ghall-invokazzjoni tal-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens,* li tipprospetta zewg kawzi pendenti kontemporanjament u fejn l-ebda kawza ma giet deciza definittivament.[20]

"Dan il-punt kien il-pern tal-konsiderazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Cuschieri** fuq citat fejn il-Qorti rribadiet li: " *L-ewwel Qorti - kuntrarjament ghal dak li huwa principju bazi ta' kull procedura, ikkonkludiet li ghaliex hemm pendenti rikors li qed jallega vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali da parti tal-Qorti Kostituzzjonali dan allura ifisser ' li kollox ghadu incert ' mentri sentenza tal-Qorti hija certa u taghmel stat sakemm ma tissopravenix sentenza finali minn Qorti kompetenti li tghid mod iehor. Ghalhekk il-fatt li sentenza tkun giet attakkata billi jigi pretiz li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ma jwassalx ghas-sospenzjoni ta' l-effetti taghha u ghas-soprasessjoni."*

"Illi l-istess principji gew abbraccjati f'diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna li wasslu ghall-konvinzjoni ta' din il-Qorti li fil-kuntest ta' l-ezegwibbilità ta' sentenza f'kaz fejn in segwitu ghal tali sentenza jigu intavolati proceduri dwar allegata vjolazzjoni ta' xi wiehed jew iktar mid-drittijiet u libertajiet fondamentali sanciti fil-Kostituzzjoni u/jew fil-Konvenzjoni Ewropea, is-sospenzjoni jimmilita kontra l-principji tac-certezza legali u accessibilita' protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"Fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier pro et noe et, Rik. Nru. 21/05** moghtija fl-4 ta' Lulju 2005,[21] il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) (per Onor. Imhallef G. Caruana Demajo) cahdet it-talba taghhom in bazi ghas-segwenti osservazzjoni: "*ghalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, din il-qorti ghandha wkoll is-setgha li tholl lill-partijiet mir-rabta ta' res judicata jekk dan ikun mehtieg biex taghti rimedju kontra ksur ta' drittijiet fondamentali, dan ma ghandux isir leggerment u zgur mhux qabel ma tkun inghatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak il-ksur. <u>Allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija ghal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-process gudizzjarju u l-finalità ta' res judicata illi sentenza tinzamm milli titwettaq ghax xi hadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.</u> Fil-fehma ta' din il-qorti, sentenzi li saru res judicata*

[20] Illi fis-sentenza **"Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et"** (Q.K. 20 ta' Lulju 1994 – LXXVIII.i.171 inghad illi: *"is-soprasessjoni hija, minnha nfisha, mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod illi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tezigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata' fi zmien ragonevoli. Dan il-principju huwa trasmess lill-gudikant specifikament fl-artikoli 195,211 u 212 Kap 12 u b'mod generali mbaghad, b'dawk l-artikoli kollha li fl-istess Kodici ta' Procedura, jirregolaw it-trattazzjoni tal-kawzi",* nkluz l-**artikolu 195 tal-Kap 12** li jipprovdi *"li kawza appuntata ghas-smigh, ghandha tibqa' sejra tigi trattata sa l-ahhar"* u hawn issir riferenza ghas-sub-artikoli relattivi tal-istess artikolu.

[21] Din il-kawza ikkonfermat talba tad-debituri ezekutati ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza kontra taghhom sakemm tinqata' kawza kostituzzjonali minnhom istitwita b'talba biex il-Qorti tiddikjara li s-sentenza inghatat bi ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom.

*ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod iehor."*[22] (emfasi ta' din il-Qorti).

"Il-Qorti b'applikazzjoni tal-principji fuq enuncjati, taqbel mat-tezi tar-rikorrenti. Huma ottjenew sentenza li ghaddiet in gudikat wara konferma mill-Qorti tal-Appell fis-sena 2009. Illum, fis-sena 2016, ghadhom ma irnexxielhomx jezegwixxu l-kreditu kanonizzat b'dik is-sentenza. Huwa minnu li fis-sena 2010 ghar-ragunijiet li mhumiex spjegati f'dawn l-atti , kienu issospendew is-subbasta (Nru. 2/10) izda it-tieni subbasta ilha pendenti mill-11 ta' Frar 2013, kwazi tliet snin u nofs mir-rikors ghall-bejgh bl-irkant,u sa mit-28 ta' Awwissu 2013 mill-ewwel digriet ta' sospenzjoni. L-applikazzjoni ta' Charles Saliba quddiem il-Qorti Ewropea saret fil-5 ta' April 2013 (erba' snin wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell) u giet komunikata lill-Istat Malti fis-27 ta' Mejju 2015.[23]

"Ikkonsidrat li d-digriet ta' sospenzjoni tas-subbasta, li gie ikkonfermat b'digriet iehor, effettivament waqqaf l-ezekuzzjoni fi zmien ragjonevoli tal-kreditu tar-rikorrenti u nnewtralizzat l-effikacja ta' *res iudikata* . Huwa minnu li l-kreditu ma giex "annjentat" fi kliem id-difensur tal-kjamat in kawza, imma semplicement sospiz. Izda kif jirrizulta mill-ezami tal-gurisprudenza fuq citata, id-dritt ghas-smigh xieraq garantit mill-Konvenzjoni jinkludi drittijiet residwali, fosthom, id-dritt ghall-esegwibilita' ta' sentenzi definittiva fi zmien ragjonevoli kif fuq spjegat. Dan id-dritt illum il-gurnata huwa paralizzat u ma jistax jigi ravvivat qabel ma jinqaghtu il-proceduri bejn id-debitur u l-istat Malti quddiem il-Qorti Ewropea.

"B'rabta mal-kwistjoni in ezami, u b'riferenza ghal dak enuncjat fil-kaz imsemmi ta' **Ruggier,** din il-Qorti ikkonsidrat ukoll li l-kwistjoni ta' sospenzjoni ta' l-ezegwibbilita' ta' sentenzi fil-kuntest tal-ghoti ta' *interim measures* li jistghu jintalbu fil-kors ta' proceduri ghall-protezzjoni ta' drittijiet fondamentali. Il-Qrati, rinfaccjati b'talbiet simili, ikollhom jiddeciedu jekk ghandhomx jissospendu l-effetti ta' sentenzi tal-Qrati sakemm jigu determinati kwistjonijiet ta' drittijiet umani. Madanakollu anke f'tali kuntest, dawn il-mizuri jinghataw eccezzjonalment kif jirrizulta mill-interpretazzjoni tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. L-awtur Karen Reid fil-ktieb "**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) tikteb:-

> *""As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent <u>real and imminent risk of irreparable harm to life and limb</u> … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in*

[22] Ara wkoll is-sentenza studjata tal-Magistrat Gabriella Vella fil-kaz **Paul Pace et v Steve Mallia -** Q. Magistrati - 5 ta' Ottubru 2015 li kien jirrigwarda talba ghaz-zamma ta' ezekuzzjoni ta' sentenza finali pendenti proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali.
[23] Xhieda ta' Dr Josette Grech tal-10 ta' Novembru 2015 a fol 169.

*a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Fil-kaz in ezami, il-kjamat in kawza qed jilmenta li jekk l-ezekuzzjoni ma tigix sospiza, jitlef irrimedjabbilment id-dritt ghall-proprjeta' tieghu billi tinbiegh darba ghal dejjem. Izda anke fil-kuntest imsemmi, l-istess kjamat in kawza lanqas jikkwalifika ghall-*interim measure* billi l-pregudizzju li qed jgib il-quddiem jikkoncerna drittijiet proprjetarji.

"Illi l-kjamat in kawza ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **San Leonardo Band Club v Malta**[24] fejn il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u bhala rimedju ippronuncjat hekk:

> *""1. Where the Court finds that an applicant's case has been decided by a tribunal which is not independent and impartial within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention, it considers that, in principle, the most appropriate form of relief would be to ensure that the applicant is granted in due course a retrial by an independent and impartial tribunal (see, mutatis mutandis, and in regard to a criminal case, Gençel v. Turkey, no. 53431/99, § 27, 23 October 2003)."* Isegwi ghalhekk li t-talba ghas-sospenzjoni tas-subbasta hija gustifikata ghaliex mhuwiex eskluz li l-Qorti Ewropea tista' bhala rimedju, thassar is-sentenza tal-Qrati taghna.

"Izda fil-kaz citat, jigi precizat li l-Qorti Ewropea ma hassritx is-sentenza in mertu imma ipprovdiet li r-rikorrent ghandu jinghata ir-rimedju ta' ritrattazzjoni skont ic-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz. Is-sentenza tibqa' valida sakemm il-Qorti nazzjonali ma tirrivedihiex.

"Inoltre huwa car minn apprezzament tal-fatti ta' dan il-kaz, li l-fatt li pprezenta proceduri quddiem dik il-Qorti mhuwiex bizzejjed biex ixejjen l-effikacja u s-sahha tar-*res judicata,* fit-termini tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

**"Illi fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tilqa' t-talba billi ssib li hemm lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

"Illi r-rikorrenti qed jinvokaw l-Artikolu 6 flimkien mal-Artikolu 13 billi jsostnu li qed jigu mcahhda mid-dritt ghar-rimedju effettiv minkejja li ghandhom dritt garantit b'sentenza finali. Mhuwiex ikkontestat li ma jaghmlux parti mill-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea u lanqas ghandhom kontroll fuq il-proceduri, u fuq iz-zmien ghad-determinazzjoni finali ta' dawk il-proceduri.

"L-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni** jiddisponi :

> *""Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali*

[24] 29 ta' Lulju, 2004 , App. *no. 77562/01*

*għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

"Dan l-artikolu mhuwiex kontroversjali fl-interpretazzjoni tieghu. Fid-decizjoni recenti tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** [GC][25] moghti fis-17 ta' Lulju 2014 dawn il-principji ingabru fis-segwenti:

*""Article 13 of the Convention guarantees the availability at the national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law. In particular, its exercise must not be unjustifiably hindered by the acts or omissions of the authorities of the respondent State (see Paul and Audrey Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 96-97, ECHR 2002-II)."*[26]

"Gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Kudla v Poland**[27] **LI:**

*""146. In many previous cases in which the Court has found a violation of Article 6 § 1 it did not consider it necessary also to rule on an accompanying complaint made under Article 13. More often than not this was because in the circumstances Article 6 § 1 was deemed to constitute a lex specialis in relation to Article 13.*

*"Thus, where the Convention right asserted by the individual is a "civil right" recognised under domestic law – such as the right of property – the protection afforded by Article 6 § 1 will also be available (see, for example, the Sporrong and Lönnroth v. Sweden judgment of 23 September 1982, Series A no. 52, pp. 31-32, § 88). In such circumstances the safeguards of Article 6 § 1, implying the full panoply of a judicial procedure, are stricter than, and absorb, those of Article 13 (see, for example, the Brualla Gómez de la Torre judgment cited above, p. 2957, § 41)."*

"Izda f'dan il-kaz u fil-kaz ta' **Gjyli v Albania**[28] il-Qorti Ewropea ziedet tghid li :

[25] App Nru 47848/08
[26] Para 148.
[27] 16 ta' Ottubru 2000 (App. no. 30210/96)
[28] 29 ta' Settembru 2009, App.No.32907/07.

*““3. However, the Court observes that the ineffectiveness of domestic remedies is being increasingly raised before this Court in cases concerning a failure to enforce or delayed enforcement of final domestic judgments. It has therefore decided of its own motion to examine this issue under Article 13 of the Convention (see, for example, Burdov v. Russia (no. 2), no. 33509/04, §§ 89-117, 15 January 2009; Beshiri and Others v. Albania, no. 7352/03, 22 August 2006; and Qufaj Co. Sh.p.k. v. Albania, no. 54268/00, 18 November 2004).”*

“Hekk ukoll ikkonkludiet il-Qorti Ewropea fil-kaz citat **Kudla v Poland** u cioe:

*““156. In view of the foregoing considerations, the Court considers that the correct interpretation of Article 13 is that that provision guarantees an effective remedy before a national authority for an alleged breach of the requirement under Article 6 § 1 to hear a case within a reasonable time.”*

“Illi fil-kaz odjern, hu evidenti li d-dewmien ser jitkompla jekk is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ma tigix revokata. Kif premess, il-Qorti mhix ser tirrevedi d-diskrezzjoni tal-Prim’ Awla fl-applikazzjoni tal-Artikolu 305 tal-Kap 12. Il-legislatur stess jipprovdi ghas-sospenzjoni tas-subbasta u dan l-Artikolu mhuwiex fil-mira ta' dawn il-proceduri.

**“Ghal kuntrarju issib lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fis-sospenzjoni invokata abbazi tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea.**

“Illi gie eccepit mill-kjamat in kawza li r-rikorrenti ma specifikawx ir-rimedju mitlub u ghalhekk din il-Qorti ma tistax thassar id-digrieti in mertu. Il-Qorti ma taqbilx ma’ din it-tezi. Il-Qorti f'dawn il-proceduri tista' taghti kwalsiasi rimedju li tikkonsidra effettiva altrimenti hi stess tkun qed iccahhad lir-rikorrent mill-garanzija tal-effikacja tal-protezzjoni tad-drittijiet tieghu.

“Ghalhekk ser tipprovdi dwar it-talbiet surriferiti billi tirrevoka d-digrieti moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla datati rispettivament nhar is-6 t'Awwissu 2013 (Rik 354/2013 JPG) fl-ismijiet **Dr Joseph Zammit Tabona et v Charlie sive Charles Saliba,** u nhar is-7 ta' Novembru 2013 (Rik 829/2013 JPG fl-istess ismijiet) in kwantu li l-Qorti ordnat it-twaqqif tas-subbasta sakemm jigu terminati finalment il-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**“Jeddijiet Sanciti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.**

“Il-parti relevanti tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tipprovdi hekk:**

*““(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta' ta'*

*kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist -*

*"(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*

*"(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u*

*"(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretenzjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta."*

**"L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** jipprovdi: -

*""Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji* generali tal-ligi internazzjonali.

*"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

"Hija *ormai* gurisprudenza kostanti li :

*""4. Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities, James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61, Series A no. 52; see also Broniowski v. Poland [GC], no. 31443/96, § 134, ECHR 2004-V)."* **Hutten-Czapska v Poland).** [29]

"Illi huwa assodat li l-portata ta' **l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** hija aktar ristretta mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Filwaqt

[29] App. No. 35015/97 - 19 June 2006.

li dan ta' l-ahhar jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-"possedimenti" ("possessions" fit-test ingliz,"biens" fit-test franciz) ta' dak li jkun, l-istess ma jistax jinghad ghall-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar it-tehid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjeta` ta' kull xorta li tkun jew il-ksib b'mod obbligatorju ta' interess fi jew dritt fuq proprjeta` (dejjem ta' kull xorta li tkun). (Ara ad es. **Amato Gauci vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2006; **Galea et vs Briffa,** deciza mill Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 2001; **Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent et.** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Frar 2011; **Bugeja et vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Dicembru 2009; u **Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et.** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-11 ta` Ottobru 2011.)

"Ir-rikorrenti jsostnu li l-kreditu taghhom konsistenti f'kreditu kanonizzat huwa "*claim*" ossia "*bien*" jew "possession" fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Madanakollu ma jistax jinghad li d-digrieti pprivaw lir-rikorrenti mill-jeddijiet taghhom naxxenti mis-sentenza definittiva billi l-effett kien li l-ezekuzzjoni giet sospiza mhux terminata. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx lezjoni skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ser tghaddi biex tezamina il-lanzjanza skont il-Konvenzjoni.

"Illi dwar id-definizzjoni ta' "*bien*" jew possediment, kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kaz ***Burdov v Russia***[30] gja citat:

> *""5. ... a "claim" can constitute a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1 if it is sufficiently established to be enforceable (see Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis v. Greece, [31]judgment of 9 December 1994, Series A no. 301-B, p. 84, § 59)."*

"Ikkonsidrat li fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, id-dritt tar-rikorrenti, ossia, il-kreditu kanonizzat taghhom, ikun biss dritt illuzorju jekk ma jsarrafx fil-proceduri ezekuttivi kif huma gja mahsuba bil-ligijiet taghna. L-istat *tramite* l-organi tieghu, ghandu l-obbligu li jassigura li sentenzi moghtija mill-Qrati taghha jigu enforzati u f'dan il-kaz, id-digrieti surriferiti kienu lezivi in kwantu rrendew inoperattivi s-sentenza tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 2008 kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009. Din l-interferenza ma kenitx wahda gustifikata kif jirrizulta mill-gurisprudenza u dottrina fuq iccitati. Inoltre l-istess rikorrenti m'ghandhom l-ebda rimedju biex jeghlbu l-effetti tad-digrieti u huma kostretti jistennew l-ezitu finali ta' proceduri istitwiti quddiem il-Qorti Ewropea li huma estranei ghalihom u jezorbitaw mill-kontroll taghhom.

[30] 7 ta' Mejju 2002, *Application no.* 59498/00

[31] F'dan il-kaz il-Qorti Ewropea kkonsidrat u determinat li *lodo* arbitrali huwa *bien* ghall-fini billi "*the arbitration award had given rise to a debt in their favour that was sufficiently established to be enforceable.*"

> “B'hekk il-Qorti hija soddisfatta li bid-digrieti premessi kien hemm interferenza ingustifikata fil-pussess pacifiku tad-drittijiet tar-rikorrenti bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni.
>
> “Ghalhekk issib ukoll li kien hemm lezjoni ta' l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif mitlub mir-istess rikorrenti.”

## L-Appelli

8. Il-kjamat fil-kawza Charles sive Charlie Saliba [l-appellant Saliba] pprezenta l-appell tieghu permezz ta’ rikors datat 3 ta’ Awwissu 2016, fejn talab illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens indikat fis-sentenza appellata u inkwantu sabet li ma hemmx vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, thassarha u tirrevokaha fil-bqija taghha biex b’hekk tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tieghu u tilqa’ wkoll l-ewwel eccezzjoni fit-totalita` taghha, u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti appellati.

9. L-aggravji tieghu, fil-qosor, huma s-segwenti: [i] l-ewwel Qorti kkontradixxiet ruhha meta l-ewwel qalet li ser tinvestiga biss ir-raguni tal-pendenza tal-kawza quddiem il-Qorti Ewropea, u mbaghad ordnat ir-revoka tad-digrieti bhallikieku ma kien hemm ebda ostakolu iehor ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza; [ii] billi id-digrieti li ordnaw is-sospenzjoni tal-proceduri tas-subbasta kienu msejsa fuq ragunijiet ohrajn li ma gewx u lanqas setghu jigu mistharrga f’dawn il-proceduri, u li ghadhom jezistu, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat ir-revoka taghhom u ddecidiet daqs li kieku l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea kienet l-

unika raguni ghas-sospenzjoni; [iii] l-ewwel Qorti naqset milli taghti piz shih lill-effett li jista' jkollha s-sentenza eventwali tal-Qorti Ewropea fuq il-proceduri tas-subbasta, liema sospenzjoni jkollha l-effett prattiku, rikonoxxut ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **Ruggier v. Ruggier**, li tevita li l-proprjeta` tieghu [u ta' terzi] tinbiegh lil persuni estranei; inoltre, l-appellant jghid li l-inattivita` da parti tar-rikorrenti ghal bosta snin iddghajjef l-oggezzjoni taghhom ghas-sospenzjoni tal-proceduri ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, u l-fatt li l-proceduri li intavola jinsabu pendenti quddiem il-Qorti Ewropea u mhux quddiem qorti Maltija ma jnaqqasx mill-utilita` tas-sospenzjoni kundsidrata l-forza ezekuttiva li ghandhom is-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu a tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319; [iv] l-ghazla tar-rikorrenti li jipprocedu b'subbasta biex jirrealizzaw il-kreditu taghhom ma kienx l-iktar metodu ghaqli ghall-ezekuzzjoni tas-sentenzi lokali, u l-istess rikorrenti kellhom l-obbligu li jezawrixxu r-rimedji kollha li kellhom a dispozizzjoni taghhom qabel ma ddecidew li jesegwixxu permezz ta' bejgh b'subbasta; [v] l-ewwel Qorti kienet zbaljata li sabet ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni meta qieset it-titolu ezekuttiv tar-rikorrenti bhala possediment, ghaliex il-possediment ma jinkludix id-dritt li jigi realizzat b'mezzi li mhux konformi mal-Ligi, u f'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma kellhom ebda dritt jipprocedu bil-bejgh bis-subbasta ta' proprjeta` li m'hijiex kollha tad-debitur; [vi] ir-rikorrenti kellhom access ghal rimedju effettiv stante li kellhom a disposizzjoni taghhom diversi mezzi biex

jikkontestaw is-sospenzjoni ordnata bid-digrieti impunjati, u ghalhekk ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni; [vii] anke kieku kellu jigi ammess li sehhet vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti, l-ewwel Qorti marret oltre dak rikjest minnha fir-rimedji li ordnat fis-sentenza appellata; u [viii] skont l-appellant Saliba dan ma kellux jinstab responsabbli la ghall-ispejjez gudizzjarji f'dawn il-proceduri u lanqas ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tieghu kellha tintlaqa' fit-totalita` taghha u mhux biss parzjalment.

10. Ghal dan l-appell ir-rikorrenti pprezentaw risposta fit-18 ta' Awwissu 2016 fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissrin, sostnew li, filwaqt li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, ebda wiehed mill-aggravji tal-appellant ma huwa gustifikat u ghalhekk l-appell tieghu ghandu jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

11. B'risposta tieghu tas-16 ta' Awwissu 2016, l-intimat Avukat Generali wiegeb ghar-rikors tal-appell tal-appellanti Saliba billi aderixxa ruhu ma' l-istess appell salv illi ma jaqbilx mat-tmien aggravju tal-imsemmi appellant.

12. Permezz ta' rikors datat 3 ta' Awwissu 2016, l-intimat Avukat Generali pprezenta appell dwar l-ewwel u t-tieni kap tad-decide tas-

sentenza appellata, ibbazat fuq is-segwenti aggravji: [i] id-digrieti impunjati ma jilledux id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti stante illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet semghet u kkonsidrat fid-dettal l-ilmenti tar-rikorrenti, u l-fatt li dawn l-ilmenti ma gewx milqugha ma jammontax ghal ksur ta' drittijiet fondamentali. Skont l-intimat appellant il-Qorti fil-mansjoni kostituzzjonali taghha ma ghandhiex is-setghat li tirrevedi jekk id-decizjonijiet tal-qrati ordinarji humiex tajbin jew le. Jghid li f'dan il-kaz kien hemm ragunijiet ohra oltre ghall-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea li mmotivaw id-digrieti li ssospendew is-subbasta kontra l-appellant Saliba; [ii] l-ewwel Qorti kienet skorretta meta qieset li sehh ksur ukoll tad-drittijiet tar-rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ghaliex f'dan il-kaz, l-effetti tal-procedura tas-subbasta kienu sospizi u mhux revokati; [iii] l-ewwel Qorti ma messitx ordnat ir-revoka tad-digrieti impunjati inkwantu dawn ordnaw is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ghaliex dan ir-rimedju ma giex mitlub mir-rikorrenti u f'kull kaz, dikjarazzjoni ta' ksur tkun rimedju sufficjenti; u [iv] l-ewwel Qorti ma messitx ordnat li l-ispejjez tal-kawza, b'eccezzjoni tal-ispejjez tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali, jigu sopportati mill-appellant Avukat Generali.

13. Abbazi tal-aggravji fuq indikati, l-appellant Avukat Generali talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi din tigi mhassra u revokata limitatament, fl-ewwel u fit-tieni parti tad-decide, kif ukoll inkwantu l-

istess appellant gie kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza, u minflok, tilqa' l-appell tieghu billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ma sabitx vjolazzjoni *ai termini* tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

14. Ir-rikorrenti pprezentaw risposta ghall-appell tal-intimat Avukat Generali fil-11 ta' April 2017 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, talbu li l-appell tal-intimat jigi michud.

15. L-appellant Saliba wkoll ipprezenta risposta bi twegiba ghall-appell intavolat mill-Avukat Generali, li biha aderixxa ruhu ma' l-appell tal-istess intimat, filwaqt li ghamilha wkoll cara li l-adezjoni tieghu ma ghandhiex tigi interpretata fis-sens li jikkoncedi li ghandu jhallas xi spejjez in konnessjoni ma' din il-kawza.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel u t-Tieni Aggravju tal-kjamat fil-kawza Charles Saliba u l-Ewwel Aggravju tal-Avukat Generali*

16. Dawn iz-zewg aggravji ser jigu trattati flimkien stante illi huma konnessi. L-appellant Saliba jikkontendi illi l-ewwel Qorti kkontradixxiet ruhha meta l-ewwel qalet li ser tinvestiga biss ir-raguni tal-pendenza tal-kawza quddiem il-Qorti Ewropea, u mbaghad ordnat ir-revoka *in toto*

tad-digrieti fuq indikati bhallikieku ma kien hemm ebda ostakolu iehor ghall-ezekuzzjoni tas-sentenzi lokali. Skont l-appellant Saliba dawn id-digrieti li ordnaw is-sospenzjoni tal-proceduri tas-subbasta kienu msejsa mhux biss fuq il-pendenza tal-proceduri imnedija minnu quddiem il-Qorti Ewropea, izda kien hemm ragunijiet ohrajn li ma gewx u lanqas setghu jigu mistharrga f'dawn il-proceduri, u li, skont hu, ghadhom jezistu. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tirrevoka d-digrieti daqs li kieku l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea kienet l-unika raguni ghas-sospenzjoni.

17. Ir-rikorrenti wiegbu ghal dan l-aggravju billi qalu li l-ewwel Qorti ghamlet analizi studjata tad-digrieti inkwisjtoni, tat-talbiet tar-rikorrenti u tal-intimati kif ukoll tas-setghat li kellha l-istess Qorti fir-rigward, tant illi fir-rimedju li tat ma semmiet b'ebda mod xi impediment legittimu iehor imsemmi fid-digrieti impunjati ghajr ghall-impediment relatat mal-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Din il-Qorti tosserva, qabel xejn, li f'dan il-kaz, fejn ir-rikorrenti ghazlu li jmexxu bi proceduri ezekuttivi b'talba ghall-bejgh in subbasta ta' proprjeta` li [skont huma] hija tad-debitur taghhom, il-ligi tipprospetta s-sospenzjoni tal-proceduri fejn jezisti impediment legittimu[32], u thalli f'idejn il-gudikant li jiddetermina, fid-diskrezzjoni tieghu, jekk ic-

[32] Artikolu 326, Kap. 12.

cirkostanzi partikolari kellhomx jitqiesu bhala impediment legittimu b'mod li tkun s-sospenzjoni tal-proceduri ezekuttivi tkun opportuna u legali.

19. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-digrieti taghha qieset bhala impediment legittimu, fost ragunijiet ohrajn ta' natura procedurali kif ukoll sostantiva, il-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea [Appl. 24221/13] fil-kaz **Saliba v. Malta** li permezz taghhom id-debitur, l-appellant Saliba, qed ifittex dikjarazzjoni li bil-proceduri li kkulminaw fis-sentenzi lokali li fuqhom tinsab imsejsa t-talba tar-rikorrenti ghall-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` tieghu gie lez id-drittijiet fondamentali tieghu ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni.

20. Din il-Qorti tosserva wkoll li hu evidenti li l-ewwel Qorti ma stharrgitx il-korrettezza o meno tal-parti sostantiva tad-digrieti. Dan lanqas ma kien il-kompitu tal-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali taghha u fi kwalunkwe kaz, il-ligi teskludi[33] li fic-cirkostanzi setghet ssir revizjoni ulterjuri ta' dik id-decizjoni. Billi huma biss l-effetti ta' dik id-decizjoni li huma fil-mira ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti korrettement illimitat l-istharrig taghha li tikkonstata jekk l-effett tat-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenzi lokali, minhabba biss il-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, huwiex leziv tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti. Ghandhom ragun ghalhekk ir-rikorrenti

[33] Permezz ta' l-Artikolu 326[4] Kap. 12.

appellati fejn, fir-risposta taghhom, isostnu li l-ewwel Qorti qieset biss dik il-parti tad-digrieti impunjati li titkellem dwar l-impediment legittimu konsistenti fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea.

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kellha ragun ukoll meta qieset li l-fatt li seta' kien hemm impedimenti legittimi ohra li minhabba fihom il-Prim'Awla tal-Qorti Civili dehrilha li kellha tissospendi l-proceduri tas-subbasta ma setax ikun ta' xkiel ghad-determinazzjoni tal-punt jekk gewx lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti b'effett tas-sospenzjoni tal-esekuzjoni minhabba l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea. It-termini tal-parti dispozittiva tas-sentenza appellata huma pjuttost inekwivoci u ma jaghtu lok ghal ebda dubju illi l-ewwel Qorti ma ordnatx it-thassir *in toto* tad-digrieti impunjati, izda ordnat it-thassir biss inkwantu dawn ordnaw is-sospenzjoni tal-proceduri tas-subbasta minhabba l-impediment legittimu fuq indikat. Isegwi ghalhekk illi thalliet impregudikata d-decizjoni tal-Prim'Awla dwar is-sospenzjoni tas-subbasta minhabba l-koezistenza ta' ostakoli ohrajn.

22. Kuntrarjament ghal dak li allega l-appellant Saliba, din il-Qorti ma tara ebda kontradizzjoni bejn id-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li tinvestiga biss l-effetti legali tal-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea bhala ostakolu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenzi lokali, u d-decizjoni taghha li tirrevoka d-digrieti inkwistjoni limitatament safejn dawn

issospendew il-proceduri ezekuttivi minhabba dawk il-proceduri. Apparti minnhekk, lanqas mhu minnu dak sostnut mill-appellant li l-ewwel Qorti ordnat li jitkomplew il-proceduri ghall-ezekuzzjoni tas-sentenzi. Din il-konkluzjoni tirrizulta manifestament minn qari tal-parti relevanti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward, li tghid:-

> "Tirrevoka d-digrieti msemmija <u>inkwantu ordnaw is-sospenzjoni</u> tal-ezekuzzjoni in subbasta tas-sentenza imsemmija abbazi tal-Artikolu 326 tal-Kap. 12 <u>minhabba l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea</u> ghad-Drittijiet tal-Bniedem istitwiti mid-debitur Charles sive Charlie Saliba kontra l-istat Malti." [sottolinejar ta' din il-Qorti]

23. Mill-premess ghandu jirrizulta car illi meta l-ewwel Qorti ordnat sussegwentement li kopja tas-sentenza appellata tintbaghat lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u tigi inserita fl-atti tas-subbasta sabiex taghmel parti minn dawk l-atti u "*sabiex jitkomplew il-proceduri ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza*", ma fissritx illi l-proceduri in subbasta kellhom jitkomplew <u>irrispettivament</u> minn impedimenti legittimi ohrajn li setghet rriskontrat il-Qorti fid-digrieti in dizamina abbazi tal-Artikolu 305 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Huwa manifest illi l-ewwel Qorti kkunsidrat illi huwa <u>biss</u> l-impediment legittimu konsistenti fil-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea li ma setax jibqa' jghodd biex il-proceduri tas-subbasta jibqghu sospizi, ghaliex dan sarraf fi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti tifhem ukoll illi, galadarba l-ewwel Qorti ma rivedietx u lanqas setghet tirrevedi, id-decizjoni tal-Prim'Awla biex tissospendi l-proceduri tas-subbasta minhabba l-konkorrenza ta'

ostakoli procedurali ohrajn li gew imsemmija fid-digrieti in dizamina, il-parti dispozittiva appena citata tas-sentenza appellata ghandha tinqara flimkien ma' u fil-kuntest ta' l-ordni finali fl-istess sentenza, jigifieri li l-appellant Saliba ma jistax jistrieh iktar fuq il-pendenza tal-proceduri minnu istitwiti quddiem il-Qorti Ewropea bhala ragun ghas-sospenzjoni tal-proceduri ezekuttivi tar-rikorrenti tas-sentenza li ghaddiet f'gudikat.

24. Ghaldaqstant, dawn l-ewwel zewg aggravji tal-appellant Saliba huma infondati u qed jigu respinti, u ghall-istess ragunijiet l-ewwel aggravju tal-intimat Avukat Generali qed jigi respint ukoll.

**It-Tielet Aggravju**

25. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant Saliba jikkontendi li l-ewwel Qorti naqset milli taghti piz shih lill-effett li jista' jkollha s-sentenza eventwali tal-Qorti Ewropea fil-kaz istitwit minnu, fuq il-proceduri tas-subbasta intavolati mir-rikorrenti in ezekuzzjoni tas-sentenzi li kisbu fil-konfront tieghu. Skont dan l-appellant, is-sospensjoni ta' dawk il-proceduri ezekuttivi jkollha l-effett prattiku li, fl-eventwalita` ta' sentenza favorevoli fil-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, jigi evitat il-bejgh tal-proprjeta` tieghu [u ta' terzi] lil persuni estranei. L-istess appellant jikritika wkoll l-inattivita` tar-rikorrenti fl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv taghhom, liema attivita` skont hu, iddghajjef l-oggezzjoni tal-istess rikorrenti ghas-sospenzjoni tal-proceduri ghall-ezekuzzjoni tas-sentenzi, u jsostni wkoll illi l-fatt li l-proceduri li intavola jinsabu pendenti quddiem

il-Qorti Ewropea u mhux quddiem il-qorti Maltija m'ghandu jitnaqqas xejn mill-utilita` tas-sospenzjoni u dan in vista tal-forza ezekuttiva li ghandhom is-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu a tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319. Finalment, l-appellant sostna li l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea waslu fi tmiemhom.

26. Ir-rikorrenti laqghu ghal dan l-aggravju billi sostnew illi s-sospenzjoni tal-proceduri ezekuttivi tnaqqas u timmilita kontra l-principji ta' certezza legali u tal-accessibbilita` protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huma ghamlu referenza ghall-assimiljazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti bejn l-effetti tas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' *res iudicata*, u l-effetti tal-istitut tas-soprasessjoni.

27. Sahqu wkoll li, kuntrarjament ghall-fattispecje tal-kaz **Ruggier v. Ruggier** citata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ma kien hemm ebda dewmien da parti tar-rikorrenti biex jagixxu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza li kisbu fil-konfront tal-appellat Saliba, stante illi wara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell inghatat fis-sena 2009, fl-istess sena l-appellant intavola rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha li bih ilmenta li s-sentenza li kkanonizzat il-kreditu tar-rikorrenti hija leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu, u kien biss wara li dawn il-proceduri kostituzzjonali ntemmu fis-sena 2013 li r-rikorrenti ssoktaw jezegwixxu s-sentenza li kisbu favur

taghhom bil-proceduri ghall-bejgh tal-proprjeta` tad-debitur bis-subbasta.

28. Inkwantu ghall-fatt li l-proceduri li l-appellant Saliba nieda quddiem il-Qorti Ewropea waslu fi stadju finali, u kkonsidrat ukoll l-effett li ezitu pozittiv ghall-istess appellant jista' jkollu fuq is-sospenzjoni tal-proceduri tas-subbasta, ir-rikorrenti jsostnu li dan ma jistax inaqqas mil-lezjoni tad-dritt fondamentali taghhom gja` rravvizata bis-sospenzjoni tal-proceduri ghall-enforzar tas-sentenza li ghaddiet f'gudikat. It-trapass ulterjuri taz-zmien minhabba l-pendenza jew l-ezitu ta' dawk il-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea jista' biss, skont ir-rikorrenti, jikkontribwixxi ghal iktar dewmien u kwindi jaggrava l-lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

29. Din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li sabet lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti bit-twaqqif tas-subbasta minhabba appuntu l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, u tikkondividi l-fehma li t-twaqqif tal-process ta' ezekuzzjoni ta' sentenza li hija *res judicata*, fih innisfu jikkuntrasta mac-certezza legali u mal-finalita` tar-*res judicata*, kif ukoll jimmina l-accessibilita` ghall-ezekuzzjoni effettiva tas-sentenza, liema drittijiet jinsabu protetti wkoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

30. Il-Qorti tosserva wkoll li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant Saliba fir-rigward tal-kawza **Ruggier v. Ruggier**, din il-Qorti ma ssib xejn fis-sentenza taghha f'dik il-kawza[34] li tikkontradici l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fil-provvediment taghha tal-4 ta' Lulju 2005 u li gie citat fis-sentenza appellata. In propositu u biex tissottolineja l-validita` tal-principji enuncjati f'dik is-sentenza u kwindi mill-ewwel Qorti fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hawnhekk tirribadixxi illi, bhala regola, il-pendenza ta' proceduri li jittrattaw allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' smigh xieraq jew ta' xi dritt fundamentali iehor, ma tistax topera bhala raguni valida ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-fundament ta' din ir-regola jinsab appuntu fil-konsiderazzjoni illi:-

> "… altrimenti tkun haga mill-aktar facli ghal min irid jistultifika l-effett tar-res iudicata li, ezawriti l-proceduri kollha skond il-ligi ordinarja [inkluz, fil-kaz ta' kawzi civili, dak ta' ritrattazzjoni, gja` fih innifsu rimedju straordinarju] jallega xi ksur ta' dritt fondamentali. Haga bhal din iggib dizordni shiha fis-sistema legali u gudizzjarja u taghti lok ghal abbuz, bi hsara ta' min ikollu favurih sentenza tal-qorti, b'awment ta' litigju li zgur il-Qrati taghna m'ghandhomx bzonnu…"[35]

31. Ferm il-konsiderazzjonijiet premessi u rrispettivament, f'dan l-istadju, mill-ezitu eventwali tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti li l-pendenza ta' dawk il-proceduri, billi kienet nieqsa minn dik il-kwalita` <u>eccezzjonali</u> li setghet tnaqqas mill-finalita` tar-*res judicata*, wasslet ghall-ksur tad-dritt

[34] 22 ta' Awwissu 2005.
[35] Appell Civili: **Joseph Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier pro et noe**, deciza 22 ta' Awwissu 2005.

fundamentali tar-rikorrenti li jkollhom access effettiv ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza definittiva fi zmien ragjonevoli, sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

32. Din il-Qorti zzid ukoll li, tenut kont tal-fatt illi l-proceduri istitwiti mill-appellant Saliba quddiem il-Qorti Ewropea gew migjuba biss kontra l-iStat Malti, it-twaqqif tal-proceduri ezekuttivi bid-digrieti tas-6 ta' Awwissu 2013 u 7 ta' Novembru 2013, kellu l-effett ulterjuri f'dan il-kaz li jgieghel lir-rikorrenti jistennew l-ezitu ta' proceduri bejn terzi li huma ma humiex partecipi fihom u li fuqhom ma ghandhom ebda kontroll, qabel ikunu jistghu jipprocedu bl-enforzar tas-sentenza taghhom. Ir-rikorrenti ghandhom ragun jghidu li l-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea huma *res inter alios acta* fil-konfront taghhom u, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fattur ikompli jsahhah ulterjorment ic-cahda tal-access tar-rikorrenti ghad-dritt li jezegwixxu sentenza definittiva fi zmien ragjonevoli, liema access jigi jiddependi esklussivament fuq l-agir u r-rieda ta' terzi.

33. Din il-Qorti tqis ukoll illi, anke kieku s-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza definittiva tintalab minhabba u waqt il-pendenza ta' proceduri gudizzjarji li fihom il-kreditur ikun imharrek, it-talba ghal twaqqif tal-ezekuzzjoni, anke temporanjament, ghandha f'kull kaz titqies b'cirkospezzjoni taht l-ottika tad-dritt sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' ezekuzzjoni fi zmien ragjonevoli ta' sentenzi finali u definittivi – <u>*multo*</u>

*magis* ghalhekk f'kaz ta' proceduri gudizzjarji li huma *res inter alios acta* ghall-kreditur[36].

34. Biex tindirizza wkoll il-lanjanza tal-appellant Saliba f'dan l-istess kuntest, dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tirrikonoxxi li s-sentenza fil-kawza **Ruggier v. Ruggier** giet kapovolta minn din il-Qorti fuq appell li sar mis-sentenza tal-4 ta' Lulju 2005, din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. Filwaqt li huwa minnu illi fil-kawza **Ruggier v. Ruggier**, din il-Qorti finalment issospendiet l-effett ezekuttiv tas-sentenza li kienet ordnat l-izgumbrament tal-appellanti f'dik il-kawza u li kienet *res iudikata*, dan sar unikament ghaliex fic-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz, il-kreditur dam sitt snin qabel ma talab l-ezekuzzjoni ta' sentenza definittiva, biex jikseb l-izgumbrament ta' dak l-istess appellanti mill-fond tieghu.

35. L-appellant Saliba jattribwixxi l-istess nuqqas lir-rikorrenti f'dan il-kaz u jsostni li l-inattivita` taghhom fl-ezekuzzjoni tas-sentenza timmina l-validita` tad-dikjarazzjoni, fis-sentenza appellata, li s-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni fic-cirkostanzi illediet id-drittijiet fondamentali taghhom Dan zgur mhux il-kaz tal-lum.

---

[36] Fil-kaz citat fir-rikors tal-appell tal-appellant Saliba, fl-ismijiet **Sharon Rose Roche` nee Bellamy v. Direttur Dipartiment Ghall-iStandards fil-Harsien Socjali**, jirrizulta li l-Qorti laqghet talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex ma tigix ezegwita sentenza finali, ghaliex kienet saret kawza ghar-ritrattazzjoni biex tithassar dik is-sentenza – ir-ritrattazzjoni naturalment kienet bejn l-istess partijiet.

36. Mill-atti jirrizulta illi s-sentenza tal-4 ta' Marzu 2008, li tikkostitwixxi t-titolu ezekuttiv li in forza tieghu gew istitwiti l-proceduri ghas-subbasta, giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009. Fir-risposta tal-appell taghhom[37] ir-rikorrenti jghidu illi fl-istess sena 2009, l-appellant Saliba istitwixxa proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, liema proceduri tressqu wkoll kontra l-istess rikorrenti, biex jimpunja l-imsemmija sentenzi ghaliex, skont hu, ma nghatax smigh xieraq fil-proceduri li kkulminaw f'dawk is-sentenzi. Ir-rikorrent jghid ukoll li t-talba tieghu giet respinta b'sentenza tas-7 ta' Ottubru 2011 li giet konfermata minn din il-Qorti b'sentenza tal-15 ta' Ottubru 2012. Mill-atti jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti talbu l-ezekuzzjoni tas-sentenza taghhom bil-procedura tas-subbasta, illum sospiza, b'rikorsipprezentat fil-11 ta' Frar 2013[38].

37. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li r-rikorrenti ma pprocedewx jew ma komplewx jipprocedu, bl-enforzar tas-sentenza fil-konfront tal-appellant Saliba waqt il-pendenza tal-proceduri kostituzzjonali istitwiti minnu biex jimpunja dawk is-sentenzi, m'ghandux jimmilita kontra l-pozizzjoni tar-rikorrenti f'dan il-kaz ghaliex m'hemmx dubju li r-rikorrenti mxew b'mod ferm prudenti tenut kont tal-fatt li huma kienu mharrkin bhala intimati fil-proceduri kostituzzjonali msemmija. Lanqas jista', fic-cirkostanzi, dan it-trapass ta' ftit iktar minn erba' snin, isahhah il-kaz

[37] Risposta ghar-rikors tal-appell ta' Charles sive Charlie Saliba, ipprezentata fit-18 ta' Awwissu 2016
[38] Dok. C a fol. 35.

ghas-sospenzjoni tal-proceduri ezekuttivi mibdjin ftit xhur biss wara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ottubru 2012 li cahdet it-talbiet tal-appellant Saliba. Din il-Qorti ghalhekk ma tqisx bhala fondat l-aggravju tal-appellant Saliba li d-dewmien fl-ezekuzzjoni tas-sentenza da parti tar-rikorrenti ghandu jopera biex inaqqas mill-validita` tal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti li sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

38. Nigu issa ghal-lanjanza tal-appellant Saliba, fit-tielet aggravju tieghu, li l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-fatt illi l-utilita` tas-sospenzjoni tal-proceduri ezekuttivi minhabba l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, hija tal-istess portata daqs li kieku l-proceduri kienu pendenti quddiem il-qrati domestici, ghaliex is-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghandhom forza ezekuttiva fis-sistema guridika Maltija bis-sahha tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319. Jghid ukoll, in propositu, li b'effett tar-revoka tad-digrieti li ordnaw it-twaqqif tal-process tas-subbasta huwa jista' jsofri pregudizzju ulterjuri fl-eventwalita` li l-Qorti Ewropea ssib ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fil-proceduri li wasslu ghas-sentenzi li r-rikorrenti qed jittentaw jesegwixxu kontrih, ghaliex fil-frattemp il-proprjeta` tieghu [u ta' terzi] ser tkun lahqet inbieghet lil terzi.

39. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju ghandu jigi ezaminat mill-ottika tal-fatt illi fil-mori ta' dan l-appell, u precizament fid-29 ta' Novembru 2016, il-kaz **Saliba v. Malta** gie deciz mill-Qorti

Ewropea. Din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza ta' dik il-Qorti u rat illi l-Qorti Ewropea kkonkludiet illi l-proceduri civili kontra l-appellant Saliba li gew decizi finalment bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2009, ma twettqux in konformita` mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u sabet li d-dritt tieghu taht dak l-artikolu gew lezi. [39]

40. Fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti Ewropea fuq citata, u b'mod partikolari tar-ragunament u tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet dik il-Qorti biex waslet ghad-decizjoni taghha, din il-Qorti tinsab ferm sorpriza bil-fatt li dik il-Qorti agixxiet bhallikieku kienet xi qorti tat-tielet grad u regghet ghamlet l-ezercizzju li kien jispetta li jsir unikament mill-qrati domestici ordinarji, tant li dehrilha li kellha tgharbel it-testimonjanza tax-xhieda u l-provi akkwiziti fil-proceduri civili u tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-gudikant u l-konkluzjonijiet tieghu li, *del resto*, gew riaffermati mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2009.

---

[39] Il-parti relevanti tal-parti operattiva tad-decizjoni msemmija tghid hekk:-
"*For these reasons, the Court, unanimously,*
*1. Declares the application admissible;*
*2. Holds that there has been a violation of Article 6 § 1 of the Convention;*
*3. Holds:*
*[a] that the respondent State is to pay the applicant, within three months from the date on which the judgment becomes final in accordance with Article 44 § 2 of the Convention, the following amounts:*
*i] EUR 10,000 [ten thousand euros], plus any tax that may be chargeable, in respect of non-pecuniary damage;*
*[ii] EUR 11,000 [eleven thousand euros], plus any tax that may be chargeable to the applicant, in respect of costs and expenses;*
*[b] that from the expiry of the above-mentioned three months until settlement simple interest shall be payable on the above amounts at a rate equal to the marginal lending rate of the European Central Bank during the default period plus three percentage points;*
*4. Dismisses the remainder of the applicant's claim for just satisfaction."*

41. Huwa ben stabbilit li s-setghat konvenzjonali tal-Qorti ma jinkludux is-setgha li taghmilha ta' qorti ta' revizjoni ta' sentenzi tal-qrati domestici. Kif spjegat din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Mark Lombardo et v. Kunsill Lokali tal-Fgura et**, deciza fit-8 ta' Jannar 2010:-

> "Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti [u anqas tal-Prim'Awla fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali]. Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."

42. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **J.E.M. Investments v. Avukat Generali** tat-30 ta' Settembru 2011, fissret ukoll:-

> "Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla [Sede Kostituzzjonali], u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali [indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku] li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.
>
> "Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:
>
> > ""a. The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings." [Application 6172/73, X v. U.K.]

"Jinghad ukoll li:

> ""b. It is primarily for the national law to lay down rules on the admissibility of evidence and for the national court to assess the evidence which is adduced." [Human Rights Files Np.13 pg.89]

"Izda gie precizat li:

> ""c. Notwithstanding the general statements above, the Commission stated that it would intervene where the assessment of evidence disclosed gross unfairness or arbitrariness [application 7987/77]. What this means in practice has not been explored. The fact that a judge prefers the evidence of a particular witness is unlikely to be sufficient, unless his stated reasons for doing so disclose a fundamental unsoundness." [Schuler–Zgraggen v Switzerland 1993]

43. Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, *de minimis*, il-Qorti Ewropea ma messet qatt warrbet ir-regoli domestici dwar l-ammissibbilita` ta' provi godda quddiem il-Qorti tal-Appell u lanqas kellha validament tissindika d-diskrezzjoni u c-certezza morali li evidentement kellhom il-gudikanti Maltin dwar ir-responsabbilita` civili tal-appellant Saliba. Jigi osservat ukoll illi l-qrati kostituzzjonali domestici, inkluz ghalhekk din il-Qorti, ma sabu ebda lezjoni tad-dritt tal-appellant Saliba ghal smigh xieraq fil-proceduri civili li wasslu ghas-sentenzi tal-4 ta' Marzu 2008 u tas-6 ta' Ottubru 2009. Din il-Qorti tqis ukoll illi, bl-istess mod li hija llimitat l-indagni taghha f'dawk il-proceduri kostituzzjonali migjuba mill-appellant Saliba fis-sena 2009 ghal determinazzjoni dwar jekk il-process gudizzjarju kontrih tmexxiex b'harsien tar-regoli stabbiliti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, sewwasew il-Qorti Ewropea kellha tillimita l-indagni taghha bl-istess mod fil-kaz **Saliba v. Malta**. Huwa pacifiku li l-funzjoni tal-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali, huwa dak li tara li ma sehhx ksur ta' xi

jedd imhares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati domestici li dwarhom jilmenta l-applikant, iddeterminawx sewwa il-mertu li kellhom quddiemhom. Kif jghidu l-awturi Jacobs and White fil-ktieb *"The European Convention on Human Rights",*[40] in materja ta' dak li jissejjah *"the fourth instance doctrine"*, l-awturi investigaw il-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea u rrapportaw is-segwenti principji:

> "1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. 2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. … 5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts."

44. Finalment, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi sentenza bhal din tista' taghti lok ghall-holqien ta' precedent perikoluz li jimmina l-awtorita` tal-qrati Maltin u s-setghat li, fis-sistema guridika domestika, jispettaw esklussivament lilhom.

45. Min-naha l-ohra pero` din il-Qorti, f'dan l-istadju ma tistax tinjora l-fatt li llum hemm sentenza tal-Qorti Ewropea li tghid li fil-proceduri domestici l-appellant, allura l-applikant, Saliba sofra ksur tad-dritt tieghu taht l-artikolu konvenzjonali fuq citat. Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti izzomm ferm il-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fil-paragrafi

---

[40] [, Third Edition, page 140]

precedenti, ser tghaddi biex tindirizza wkoll dan l-izvilupp li sehh fil-mori ta' dan l-appell b'dik id-decizjoni u wkoll taghti r-rimedju opportun fil-livell domestiku sabiex dik il-lezjoni ma tkomplix issehh.

46. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li s-sentenza tal-Qorti Ewropea f'dan il-kaz ma tistax topera, la biex tiggustifika d-digrieti moghtija mill-Prim'Awla li ssospendew l-ezekuzzjoni tas-sentenzi minhabba l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, u lanqas biex tnaqqas mill-korrettezza tas-sentenza tal-ewwel Qorti li sabet li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti gew lezi b'dik is-sospenzjoni, u dan hu hekk ukoll in vista tal-fatt li dak iz-zmien il-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea kienu ghadhom pendenti.

47. Huwa relevanti f'dan il-kuntest li jigi osservat li l-Qorti Ewropea ma hassritx is-sentenzi kontra l-appellant Saliba, izda tat kumpens mhux pekunjarju u fissret li l-appellant Saliba jista' jitlob it-thassir tas-sentenza jekk jidhirlu. Fid-decizjoni taghha, il-Qorti ta' Strasburgu lanqas applikat xi mizuri *interim* biex tilqa' ghal xi ksur tad-drittijiet tal-appellant f'kaz li r-rikorrenti jissoktaw bl-ezekuzzjoni tas-sentenzi taghhom. In propositu, il-Qorti Ewropea riteniet hekk:-

> "84. The Court cannot speculate about the outcome of the proceedings had they been in conformity with Article 6 and therefore, an award of just satisfaction can only be based on the fact that the applicant did not have the benefit of the guarantees of that Article [see Perić, cited above, § 33, and Dulaurans, cited above, § 43] … ….

> "85. Consequently, it considers that the most appropriate form of redress would be the re-opening of the proceedings to be held in accordance with the requirements of Article 6 [1] of the Convention should the applicant so request…".

48. Jirrizulta illi, ghalkemm il-Qorti Ewropea qieset li l-iktar rimedju idoneu ghall-ksur tad-drittijiet tal-appellant Saliba taht l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni jkun ir-*restitutio ad integrum* li jista' jsehh biss bil-ftuh mill-gdid tal-proceduri civili kontrih, huwa daqstant evidenti li din il-konsiderazzjoni ma tifformax parti mid-dispozittiv tad-decizjoni. Din il-Qorti ghalhekk tifhem li l-ftuh mill-gdid tal-kawza ghandha tkun fakoltattiva ghall-appellant Saliba u m'hijiex enforzabbli *ut sic* fis-sistema guridiku Malti.

49. Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li, ghalkemm qal tajjeb l-appellant Saliba fir-rikors tal-appell tieghu illi bis-sahha tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319 id-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg huma ezegwibbli f'Malta, l-effetti tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fuq id-dritt tar-rikorrenti ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza li kisbu kontra l-appellant Saliba jassumu relevanza biss jekk, u kemm-il darba, l-istess appellant jaghzel li jitlob il-ftuh mill-gdid tal-proceduri civili kontrih billi jitlob l-enforzar ta' din il-parti tas-sentenza tal-Qorti Ewropea, kif fil-fatt ghamel bi proceduri ad hoc.

50. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi, sakemm is-sentenzi tal-4 ta' Marzu 2008 u tas-6 ta' Ottubru 2009 ma jigux imhassrin fuq talba li ghad jista'

jaghmel l-appellant Saliba ghall-ftuh mill-gdid tal-kawza civili, id-decizjoni tal-Qorti Ewropea tibqa' *res inter alios acta* ghar-rikorrenti u ma timpingix fuq il-validita` tas-sentenzi in dizamina, li jibqghu jitqiesu bhala *res iudicata*. Taghmilha cara li ma tista' taghmel xejn li jippregudika d-drittijiet ta' terzi.

51. Din il-Qorti tirribadixxi li ma tistax tinjora d-decizjoni tal-Qorti Ewropea, ghalkemm ma taqbilx mar-ragunament u l-konkluzjoni taghha, izda tifhem li fl-istess hin ma tistax lanqas bis-sentenza taghha stess, tkompli zzomm lir-rikorrenti milli jenforzaw is-sentenza taghhom li saret *res judicata* iktar minn tmien snin ilu, b'mod indefinit sakemm l-appellant Saliba jiddeciedi jekk iridx jipprevalixxi ruhu minn dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Ewropea fejn fissret li "*…….. the most appropriate form of redress would be the re-opening of the proceedings…. Should the applicant so request ….*"[41], u dan dejjem *si et quatenus*.

*Ir-Raba' Aggravju tal-appellant Carmel Saliba*

52. Hawnhekk l-appellant Saliba jargumenta illi l-ghazla tar-rikorrenti li jipprocedu b'subbasta biex jirrealizzaw il-kreditu taghhom ma kienx l-iktar metodu ghaqli ta' ezekuzzjoni u billi dan hu biss wiehed minn diversi metodi ta' ezekuzzjoni tas-sentenzi tal-qrati taghna, huma kellhom l-obbligu li jezawrixxu r-rimedji kollha li kellhom a dispozizzjoni taghhom.

[41] Supra

53. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh. L-argument imressaq taht dan l-aggravju m'ghandu x'jaqsam xejn mal-lezjoni o meno tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Huwa risaput illi hija prerogattiva tal-kreditur li jaghzel il-mezz disponibbli bil-ligi sabiex jikkawtela l-pretenzjonijiet tieghu u l-mezz tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu, basta l-mezz ikun wiehed mill-atti kawtelatorji jew ezekuttivi kontemplati mill-kodici fuq indikat. L-ghazla fiha nnifisha ta' att, f'dan il-kaz att ezekuttiv, minflok iehor, ma tistax tigi sindikata mid-debitur kemm-il darba l-hrug u l-ezekuzzjoni tal-att ikunu konformi mal-ligi mil-lat procedurali sewwasew mil-lat sostantiv. F'kull kaz, din l-ghazla ma tista' qatt tincidi fuq il-jedd tal-kreditur li jitlob il-hrug ta' iktar minn att wiehed, anke b'mod kumulattiv, sakemm jigi saldat il-kreditu tieghu.

54. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Il-Hames Aggravju tal-appellant Saliba u t-Tieni Aggravju tal-Avukat Generali*

55. Hawnhekk l-appellant Saliba jsostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti wkoll taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ghaliex ma messitx qieset is-sentenzi li ottjenew ir-rikorrenti kontrih bhala "possediment" ghall-finijiet ta' dak l-Artikolu. Skont l-appellant Saliba, il-kuncett ta' possediment ma jinkludix

id-dritt li sentenza tigi ezegwita b'mod li mhux konformi mal-Ligi u f'dan il-kaz, jghid li r-rikorrenti ma kellhom ebda dritt jipprocedu bil-bejgh bis-subbasta ta' proprjeta` li m'hijiex kollha tad-debitur.

56. Ir-rikorrenti fir-risposta taghhom ghamlu referenza ghall-kazistika in materja citata fis-sentenza appellata in sostenn tal-konkluzjoni illi d-digrieti li ordnaw it-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza appellata jikkostitwixxu interferenza mhux gustifikata fid-dritt ghat-tgawdija tal-possedimenti. [42]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

57. F'dan il-kaz, jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom favur taghhom kreditu kanonizzat minn sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Novembru 2009 li sal-lum, minkejja d-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Saliba v. Malta** u minkejja l-ipotesi ta' proceduri ghal ritrattazzjoni kontemplata fl-istess decizjoni, ghadha valida. Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Saviour Borg v. Kummissarju ta' l-Artijiet**, deciza fis-27 ta' Gunju 2014 u konfermata minn din il-Qorti, gie citat il-bran segwenti in materja tal-kuncett ta' proprjeta` a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll:- *"... the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide;.... a range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests*".[i]

[42] ***Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis v. Greece*** – Appl. 13427/87.

58. Ma hemm ebda dubju li t-titolu ezekuttiv tar-rikorrenti jinkwadra sfiq fil-kuncett ta' possediment imfisser mill-gurisprudenza dwar l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, irrispettivament mill-mezz li bih jigi ezegwit dak il-kreditu. Il-fatt li f'dan il-kaz it-titolu ezekuttiv jista' jkun qed jigi enforzat fuq proprjeta` li jista' jkun m'hijiex tad-debitur, ma jnaqqas xejn mis-sahha ta' dak it-titolu ezekuttiv. Fir-rigward, din il-Qorti tirribadixxi li hija m'ghandhiex il-funzjoni li tindaga r-regolarita` o meno tal-proceduri tas-subbasta ghaliex dan ir-rwol jispetta lill-qrati ordinarji li huma moghnija bis-setgha li jiskrutinjaw jekk it-talba ghall-bejgh bis-subbasta tal-immobbli indikat mill-kredituri tissodisfax ir-rekwiziti kollha sostantivi u procedurali. Jekk il-proprjeta` li taghha tintalab il-bejgh bis-subbasta hijiex kollha tad-debitur o meno huwa immaterjali ghall-fini ta' dawn il-proceduri u ghalhekk mhux il-kompitu` ta' din il-Qorti li tiehu konjizzjoni ta' aggravji li jittrattaw il-mertu sostantiv tad-digrieti li ssospendew is-subbasta.

59. Dawn il-proceduri huma intizi biss biex jistharrgu jekk l-effetti tas-sospenzjoni tas-subbasta humiex lezivi tad-dritt tar-rikorrenti li jkollhom access ghall-ezekuzzjoni b'mod effikaci u effettiv tas-sentenza taghhom li hija *res judicata*. Il-mira tal-protezzjoni taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija biex tqis l-interferenza tal-iStat fit-tgawdija ta' dan id-dritt u biex tiddetermina jekk din l-interferenza hijiex kompatibbli mad-dettami ta' dan l-Artikolu u tal-Konvenzjoni in generali u senjatament tissodisfax

ir-rekwizit tal-proporzjonalita` inherenti fl-artikoli kollha tal-Konvenzjoni. Fir-rigward gie ritenut in materja illi:-

> "Not only must an interference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State.... The requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a <u>disproportionate and excessive burden</u>" [Hutten Czapyuska v Poland – para.166 – 19 Gunju 2006][ ara ukoll Mellacher v Austria, 19 Dicembru 1989, Lithgrow and others vs United Kingdom8 Lulju 1986; ][43]

60. Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti fir-rigward u tqis li l-obbligu tal-iStat f'dan il-kaz hu li jassigura li s-sentenzi tal-qrati jigu ezegwiti, u li jassigura li l-ezekuzzjoni ma tigix imxekkla, anke bis-sospenzjoni, *albeit* temporaneja. Izzid li, ghalkemm is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni permezz tad-digrieti in dizamina kienet legali fis-sens li saret skont id-dispost tal-ligi fl-Artikolu 326, kellha f'kull kaz l-effett residwali li tirrendi kompletament ineffikacji t-titolu ezekuttiv tar-rikorrenti, anke jekk ghal zmien limitat, u bhala tali, kienet nieqsa mill-element ta' proporzjonalita` u kwindi leziva tal-Artikolu 1. Dan ghaliex it-triq ghall-enforzar tat-titolu ezekuttiv tar-rikorrenti giet maghluqa minhabba raguni li kienet kompletament barra mill-kontroll taghhom u bhala tali, kellha l-effett li ghalqet <u>indefinittivament</u> l-access ghall-

[43] ***Trimeg Limited v. Malta*** , deciz 27 ta' Settembru 2011.

enforzar gudizzjarju tad-drittijiet taghhom naxxenti minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

61. Ghal dawn il-motivi, il-hames aggravju tal-appellant Saliba huwa wkoll infondat u ghandu jigi respint, u billi dawn il-konsiderazzjonijiet fuq rapportati jindirizzaw ukoll b'mod shih il-lanjanzi tal-appellant Avukat Generali fit-tieni aggravju tar-rikors tal-appell tieghu, dan l-aggravju tieghu wkoll qed jigi michud.

*Is-Sitt Aggravju tal-appellant Saliba*

62. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant Saliba jilmenta illi, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, ir-rikorrenti kellhom access ghal rimedju effettiv stante li kellhom a dispozizzjoni taghhom mezzi effikacji biex jikkontestaw is-sospenzjoni ordnata bid-digrieti impunjati, u ghalhekk ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Jissokta jghid illi l-opportunita` li kellhom ir-rikorrenti li jipprezentaw rikors ghar-revoka *contrario imperio* tad-digrieti tissodisfa r-rekwizit ta' rimedju effettiv skont l-artikolu precitat, irrispettivament mill-ezitu negattiv tat-talba taghhom. Fisser ukoll li l-fatt li l-aspettattivi tar-rikorrenti ma gewx sodisfatti bl-ezitu tat-talba taghhom ghar-revoka tad-digrieti, ma jnaqqasx mill-fatt li fl-ordinament Guridiku Malti hemm il-mekkanizmu opportun li jista' jwassal biex jinghata rimedju effettiv,

ghaliex l-iStat, filwaqt lil hu tenut li jipprovdi rimedju, m'huwiex tenut li jiggarantixxi li min jitlob ir-rimedju jinghata dak pretiz minnu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

63. Din il-Qorti tqis li ghandhom ragun ir-rikorrenti meta wiegbu illi l-kazistika citata mill-appellant Saliba riferibbilment ghall-aggravju tieghu dwar il-ksur tal-Artikolu 13 irravvizat fis-sentenza appellata mhijex relevanti ghall-mertu tal-kaz odjern. F'dan il-kaz ir-rikorrenti ghamlu proceduri biex jenforzaw is-sentenza taghhom li ghaddiet in gudikat b'wiehed mill-mezzi provduti mil-ligi ghall-enforzar ta' titoli ezekuttivi. M'hemmx dubju li l-iStat ma naqasx milli jipprovdi, fis-sistema legali, mekkanizmu effikacji ghall-ezekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi. Huwa pjuttost evidenti li fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-legislatur ipprovda mezzi diversi u effettivi lil kreditur ezekuttiv li jrid jenforza sentenza defenittiva kontra d-debitur tieghu, billi tipprospetta xejn inqas minn hdax-il sura ta' atti jew proceduri ezekuttivi. Daqstant iehor il-ligi tipprovdi ghal dawk ic-cirkostanzi li fihom l-ezekuzzjoni immedjata tista' titqies li ma tkunx fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u tista' ghalhekk tigi sospiza. Sinifikanti huwa l-fatt illi, ghalkemm il-ligi tipprospetta li ssir talba ghar-revoka *contrario imperio* ta' digriet li jilqa' t-talba ghas-sospenzjoni tal-procedura tas-subbasta,

taghmilha cara li d-decizjoni dwar dik it-talba hija finali u ma tistax tigi kontestata f'ebda qorti.[44]

64. Madanakollu, meta r-rikorrenti gew rinfaccjati bid-digrieti li ordnaw it-twaqqif tal-ezekuzzjoni minhabba l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea li huma kienu estranei ghalihom, sabu ruhhom f'pozizzjoni fejn ma setghu jaghmlu xejn biex jenforzaw is-sentenza definittiva li kisbu kontra d-debitur taghhom, ghaliex din is-sentenza giet reza inoperattiva. Infatti, wara li giet michuda t-talba taghhom ghar-revoka *contrario imperio* tal-imsemmija digrieti, ir-rikorrenti spiccaw minghajr rimedju iehor biex jezegwixxu s-sentenza, tant li kellhom jirrikorru ghal dawn il-proceduri kostituzzjonali appuntu ghaliex, wara d-digrieti li minghajr gustifikazzjoni ghalqu t-triq ghall-enforzar tat-titolu ezekuttiv taghhom b'lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, il-ligi ma pprovditilhomx rimedju effettiv biex jiehdu dak li hu dritt taghhom.

65. Ghaldaqstant, dan l-aggravju wkoll huwa infondat u jisthoqq li jigi michud.

*Is-Seba' Aggravju tal-appellant Saliba u t-Tielet Aggravju tal-Avukat Generali*

66. Hawnhekk l-appellant Saliba jilmenta illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti, li tippermetti l-ezekuzzjoni tas-sentenza miksuba mir-rikorrenti fil-

[44] Artikolu 326[4]

konfront tieghu minkejja l-pendenza tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, tillimita serjament id-dritt tieghu li jitlob is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza f'kaz li jigi stabbilit mill-Qorti Ewropea li dik is-sentenza hi vjolattiva tad-drittijiet fundamentali tieghu. Dan il-punt gia gie trattat aktar qabel.

67. L-istess appellant jghid ukoll li l-ewwel Qorti marret oltre dak li kienet mitluba taghti. Din il-Qorti tosserva illi dan l-ahhar aspett tal-aggravju tal-appellant Saliba huwa identiku ghat-tielet aggravju tal-appellant Avukat Generali, u kwindi dawn iz-zewg aggravji ser jigu meqjusin flimkien.

68. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ma taqbilx illi l-ewwel Qorti, fil-funzjoni kostituzzjonali taghha, kienet limitata fir-rimedji li setghet taghti, u dan ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, huwa risaput b'mod pacifiku illi s-setghat kostituzzjonali tal-Qorti huma wiesa' u ampji appuntu ghaliex hawnhekk qeghdin fil-kamp kostituzzjonali u iktar sinjifikanti fil-qasam tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u huwa ghalhekk xieraq u opportun kif ukoll fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja illi l-Qorti ma tkunx imxekkla fl-ghoti tal-iktar rimedju xieraq u idoneu ghac-cirkostanzi partikolari tal-lezjoni riskontrata. Kif *del resto* ritenut fis-

sentenza[45] fl-ismijiet **Yazan Harmoush v. Vici Prim Ministru u Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**:-

> "… Id-drittijiet fundamentali tal-persuna m'ghandhomx jigu trattati bil-pezzi bukkuni, u jekk tirrizulta vjolazzjoni ghandu jinghata rimedju, u l-vittma m'ghandux jigi mcahhad mir-rimedju opportun ghas-semplici fatt li l-artikolu relattivi marbut mal-ksur ma jkunx gie espressament invokat minnu."

69. Din il-Qorti tqis illi dan l-insenjament ghandu jsib riskontru, *multo magis* u bl-iktar mod shih, f'kaz tar-rimedju li ghandu jinghata f'dan il-kaz. Wara kollox, kif tajjeb issottomettew ir-rikorrenti, l-Artikolu 4[2] tal-Kap. 319 jaghti espressament is-setgha lill-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, li taghti kwalunkwe rimedju konsistenti f'ordnijiet, direttivi jew atti li fic-cirkostanzi tqis li jkunu xierqa biex tassigura t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

70. Barra minn hekk, u f'kull kaz, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi huwa manifest illi r-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom, talbu li l-Qorti taghti dawk id-direttivi u rimedji kollha opportuni, u ma llimitaw b'ebda mod in-natura tar-rimedju imfittex minnhom, basta tali rimedju jkun effettiv u adegwat biex jirrimedja ghall-ksur tad-drittijiet minnhom soffert. Ghaldaqstant, dan l-aspett tas-seba' aggravju tal-appellant Saliba u tat-tielet aggravju tal-appellant Avukat Generali, qed jigi michud.

---
[45] Q.K. deciza 28 Settembru 2012.

*It-Tmien Aggravju tal-appellant Carmel Saliba*

71. Skont l-appellant Saliba, l-ewwel eccezzjoni kellha tigi milqugha fit-totalita` taghha u mhux biss limitatament ghal dikjarazzjoni li hu m'ghandux jigi akkollat bl-ispejjez tal-kawza. Isostni li, kif tajjeb iddecidiet l-ewwel Qorti, huwa biss l-iStat li ghandu jwiegeb ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tieghu kellha tintlaqa' fit-totalita` taghha u mhux biss parzjalment.

72. Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu fir-risposta ghar-rikors promotur f'din il-kawza, l-appellant Saliba eccepixxa li hu ma kiser ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti u dawn il-proceduri huma indirizzati unikament sabiex jimpunjaw decizjoni gudizzjarja u mhux xi ghemil da parti tieghu.

73. Din il-Qorti ma ghandhiex wisq xi tghid dwar dan l-aggravju u tqis li l-appellant Saliba ghandu ragun. Il-ftuh tal-proceduri quddiem il-Qorti Ewropea fil-kaz **Saliba v. Malta** ma huwiex l-ghemil kontestat mir-rikorrenti, ghalkemm kienet wahda mill-impedimenti legittimi rravvizati fid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li tissospendi l-proceduri tas-subbasta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li s-sentenza appellata ordnat illi l-appellant Saliba "*ma jkunx jista' jistrieh fuq il-pendenza tal-proceduri minnu istitwiti quddiem il-Qorti Ewropea sabiex jitlob is-sospenzjoni ulterjuri tal-proceduri ezekuttivi tar-rikorrenti tas-sentenza taghhom in*

*gudikat surriferit*", huwa wkoll immaterjali ghaliex fiha nnifisha, l-istituzzjoni tal-proceduri mill-appellant Saliba quddiem il-Qorti Ewropea ma kinitx vjolattiva tad-dritt tar-rikorrenti. Hija biss id-decizjoni fid-digrieti surriferiti u li wasslet lill-ewwel Qorti tirravviza lezjoni ta' drittijiet fundamentali fil-proceduri odjerni.

74. Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant Saliba huwa gustifikat u ser jigi akkolt.

*It-Tielet u r-Raba' Aggravji tal-Avukat Generali*

75. Billi bosta mill-aggravji ta' dan l-appellant, inkwantu kienu jittrattaw l-istess lanjanzi tal-appellant l-iehor, gew diga` kkunsidrati u decizi, jifdal biss li jigu trattatti parti mit-tielet aggravju tal-appellant Avukat Generali, li f'dan il-kaz dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti bhala rimedju, kif ukoll jigi trattat ir-raba' aggravju relattiv ghall-ispejjez tal-kawza.

76. Rigward ir-rimedju ta' dikjarazzjoni ta' ksur waheda, din il-Qorti, in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru iktar qabel f'din is-sentenza, tqis li dan l-aggravju m'huwiex gustifikat. Huwa evidenti li semplici dikjarazzjoni ta' ksur ma tkunx konformi ma' l-obbligu ta' din il-Qorti skont id-dispost l-Artikolu 4[2] tal-Kap. 319 li tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali f'dan il-kaz ghaliex tali dikjarazzjoni waheda ma jista' jkollha ebda effikacja biex tirrimedja ghall-fatt li r-rikorrenti gew imxekkla minghajr gustifikazzjoni fit-tgawdija tad-dritt taghhom li jenforzaw

sentenza li hija *res iudikata*, u zgur ma taghmel xejn biex tizgura li dan id-dritt jigi effettivament imwettaq. Ghalhekk, din il-parti tat-tielet aggravju wkoll mhix misthoqqa u qed tigi respinta.

77. Fir-raba' aggravju tieghu, l-Avukat Generali jilmenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnatlu jhallas l-ispejjez kollha tal-kawza ghajr ghall-ispejjez tad-Direttur Generali Qrati Civili u Tribunali. Billi huwa manifest skont dak deciz mill-ewwel Qorti kif ukoll minn din il-Qorti, illi huwa l-iStat kif rapprezentat f'dawn il-proceduri mill-Avukat Generali li huwa responsabbli fil-ligi ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, isegwi li dan l-aggravju huwa nieqes minn fundament legali u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' Charles sive Charlie Saliba billi tilqghu in parte u tirriforma s-sentenza appellata kif ser jinghad:

[a] tirrevokaha fil-parti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' Charles Saliba biss fis-sens li m'huwiex ser jinzamm responsabbli ghall-ispejjez gudizzjarji f'dawn il-proceduri, u minflok tilqa' din l-eccezzjoni fit-totalita` taghha, u f'dan is-sens biss tilqa' l-appell tieghu; u

[b] tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

Inkwantu ghall-appell interpost mill-Avukat Generali, il-Qorti tiddisponi minnu billi tichdu *in toto*.

L-ispejjez relatati mal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk konnessi ma' l-appell tal-Avukat Generali jithallsu mill-istess Avukat Generali, u dawk konnessi ma' l-appell ta' Charles Saliba jigu spartiti bejn il-partijiet billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb

[i] Monica Carass-Frisk - *A Guide to Implementations of Article 1 of Protocol number 1* [pg.10]. L-awtrici tkompli tghid li dawn kollha huma ikkonsiderati bhala "possessions": :…shares, patents, an arbitration award, the entitlement to a pension, a landlord's entitlement to rent, the economic interests connected with the running of a business, the right to exercise a profession, a legitimate expectation that a certain state of affairs will apply, a legal claim, and the clientele of a cinema".